MALTA

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
(Rapport Uffiċjali u Rivedut)

L-ERBATAX-IL PARLAMENT

Seduta Nru 177
L-Erbgħa, 22 ta' Novembru, 2023

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
MALTA

Prezz €2.50

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 177**
**L-Erbgħa, 22 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fit-8.30 a.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 177**

**L-Erbgħa, 22 ta' Novembru, 2023**

## WERREJ

MINUTI .......... 796

MISTOQSIJIET .......... 796

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA
IT-TNAX-IL SEDUTA STABBILITA - MINISTERU GĦAT-TRASPORT,
L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI .......... 796

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
AVVANZATA U OGĦLA (Tielet Qari)
FURTHER AND HIGHER EDUCATION (AMENDMENT) BILL (Third Reading) .......... 826

AĠĠORNAMENT .......... 826

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 176, li saret fil-21 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius):** Illum il-Kamra qed tiltaqa' fit-8.30 a.m. wara ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra u a tenur tal-Artikolu (B) (3) tal-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023.

## MISTOQSIJIET

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, għal din is-seduta m'hawnx Mistoqsijiet Parlamentari u lanqas Tqegħid ta' Karti.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024
## KUMITAT TA' PROVVISTA
## IT-TNAX-IL SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*Id-Deputy Speaker ippresieda.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu biex jiġu diskussi l-Voti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Jekk jogħġbu, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Sur President, inressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 25 - MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €124,221,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 25 - Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT XII - MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €143,134,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XII - Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali - Kapital, kif

dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Adrian Delia.

**ONOR. ADRIAN DELIA:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

**VOT 25 - MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI**

***Personal Emoluments***
***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

*Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".*

Sur President, se nibda d-diskors tiegħi b'xi ħaġa pożittiva, billi niffoka fuq settur li dwaru l-Gvern u l-Oppożizzjoni għandhom viżjoni komuni li tħares 'il quddiem għal aktar suċċessi. Qed nirreferi għas-settur tal-avjazzjoni li kien inbena fi żmien Gvern Nazzjonalista. Dan is-settur għandu diversi sfidi, però l-esperjenza li pajjiżna kiseb fis-settur marittimu tul għexieren u deċennji ta' snin sewa tajjeb u tana kultura li permezz tagħha nkunu nistgħu niżviluppaw u nkattru dan is-settur u niksbu s-suċċessi għal pajjiżna b'effetti tajbin ħafna fuq l-ekonomija inġenerali.

Matul din il-ġimgħa għadna kif ikkonkludejna fi stadju ta' Kumitat liġi importantissima, l-Att biex jirregola n-Navigazzjoni fl-Ajru. Dan ifisser li issa għandna liġi li se tagħmel il-ġid lil dan is-settur. Sibna kunsens kemm mal-istakeholders ewlenin kif ukoll man-naħa tal-Gvern u naħseb li d-direzzjoni f'dan is-settur għandha tibqa' miexja b'mod tajjeb billi nibqgħu nagħmlu aktar investimenti kemm fil-ġurisprudenza tagħna, kemm fil-leġiżlazzjoni tagħna u kemm fil-prattiċi tagħna kif ukoll fl-investimenti li jsiru. Dan għaliex dawn isarrfu ta' ġid għal pajjiżna.

Ikolli ngħid ukoll, għaliex dan jaqa' taħt l-umbrella tas-settur tal-avjazzjoni inġenerali, illi hemm xi affarijiet li l-mod kif isiru ma tantx jawgura tajjeb. Sur President, hawn nitlob il-permess tal-Kamra biex inqiegħed artiklu fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. ADRIAN DELIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq *The Sunday Times of Malta* fid-19 ta' Novembru 2023 bl-isem 'Student pilots forced to fly to Sicily for lessons, as Malta runway is repaired'.

Se nikkwota minn dan l-istess artiklu fejn intqal hekk:

> "Flying schools have joined their students in criticising airport runway restrictions which have left them unable to continue training in Malta.".

Ġara li kien hemm il-bżonn li jsiru xi xogħlijiet, li huwa tajjeb li jsiru kif jiġri f'kull pajjiż, fejn ikun hemm bżonn upgrade tal-landing paths u r-runways. Però l-ilment tal-istakeholders huwa wieħed sempliċi ħafna, dak li ma saret l-ebda konsultazzjoni. Hawn irrid infiehem li hemm studenti li jissellfu madwar €70,000 fis-sena biex ikunu jistgħu jagħmlu dawn il-korsijiet. Għalhekk meta l-Malta International Airport (MIA) ġiet biex tagħlaq ir-runway 0523, dan ma ħoloqx biss inkonvenjent u problemi ta' loġistika, imma litteralment qed inkeċċu dawn l-istudenti minn pajjiżna, li se jkollhom imorru f'pajjiż ġar tagħna.

Kien hemm soluzzjonijiet, Sur President? Minn dak li fhimt jien meta tkellimt mal-istakeholders, iva, kien hemm soluzzjonijiet. F'pajjiżi barranin jiġri li minflok jibdew ix-xogħlijiet fuq iż-żewġ naħat, dawn jibdew fuq naħa waħda ħalli l-parti l-oħra tkun tista' tibqa' tintuża. Hemm prattiċi barra minn Malta fejn ix-xogħlijiet isiru matul il-lejl kollu biex imbagħad filgħodu jingħalaq ix-xogħol u jkun jista' jerġa' jirriżumi l-użu tal-istrippa. Għal darb'oħra, ma kienx hemm konsultazzjoni f'settur fejn il-konsegwenza ta' dawn id-deċiżjonijiet qegħdin ibatuha l-operaturi fis-settur.

Sur President, meta qed nitkellem dwar is-settur tal-avjazzjoni ma nistax ma nsemmix il-kwestjoni tal-Air Malta. Il-Gvern ipprova jlibbes, iżejjen u saħansitra jieħu kredtu għall-fatt li minflok qegħdin niċċelebraw dawk li suppost

huma s-suċċessi tal-Air Malta, li hija l-linja nazzjonali tal-ajru ta' pajjiżna, kien hemm falliment formali. Dan mhux falliment ta' opinjoni jew interpretazzjoni tal-Oppożizzjoni jew xi partit ieħor, imma huwa falliment formali, fejn qed naraw l-għeluq tal-linja nazzjonali tal-ajru tagħna.

Il-Gvern jista' jipprova jżejjen, jgħatti u jgħammad dak li ġara, imma fattwalment xejn ma jista' jnaqqas mill-fatt li sofrew il-ħaddiema, sofra l-poplu Malti u Għawdxi, kif ukoll sofra l-image ta' pajjiżna. Din mhijiex xi ħaġa li se tieqaf hawnhekk, imma hemm konsegwenzi li se nibqgħu nġorru. Il-falliment tal-Air Malta ġie ssiġillat f'dan il-Parlament meta l-Gvern ftit tal-ġimgħat ilu ħabbar li l-Air Malta se tagħlaq. Irrid infakkar li bħala Oppożizzjoni konna għamilna diversi mistoqsijiet u punti li qajmu preokkupazzjoni kbira f'din l-industrija. Hawn nagħmel referenza għall-mistoqsija parlamentari 11725 tal-Onor. Paula Mifsud Bonnici fejn kienet staqsiet dwar il-konsulenza li kien hemm ma' kumpanija bl-isem ta' Knighthood Global. Se naqra t-tweġiba tal-Ministru Clyde Caruana li qal hekk:

> "Qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kuntratt li l-Air Malta għandha ma' din id-ditta, liema kuntratt jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2023. Is-servizzi li din il-kumpanija qed tagħti lill-Air Malta jinkludu pariri ta' natura finanzjarja u strateġika, qed jgħinu lill-management biex jimplimenta l-business plan il-ġdid tal-linja tal-ajru l-ġdida u qed jipprovdu persuna finanzjarja b'esperjenza fil-qasam tal-avjazzjoni fi rwol temporanju.".

Minn mistoqsijiet oħrajn u stħarriġ ieħor li ġie rrapportat fil-midja jirriżulta li din il-kumpanija kienet intgħażlet bħala konsulent biex tipprova tagħti l-aħjar metodu dwar kif se nsalvaw l-Air Malta. Il-brief u l-inkarigu oriġinali ta' din il-konsulenza kien li nsalvaw l-Air Malta. Però l-pariri u l-konsulenza tagħhom evidentement falliet, għaliex dawn jew ma tawx pariri tajbin jew il-pariri tagħhom ma ġewx segwiti. Il-punt jibqa' li insegwitu ta' dak li huma tqabbdu li jagħmlu, u li għalih tħallsu l-mijiet ta' eluf, l-Air Malta falliet u se tagħlaq. X'għamel il-Gvern? Issa se jqabbad lill-istess kumpanija biex tagħti l-pariri ta' kif se jsir dak li suppost huwa a seamless transition, transizzjoni bla skossi!

Hawn irrid nagħmel ċerti mistoqsijiet, għaliex kienu ħarġu diversi artikli u allegazzjonijiet dwar is-salarji mhux tal-ħaddiema Maltin li kienu ilhom impjegati għexieren ta' snin mal-Air Malta, lanqas ta' dawk li kellhom imorru għand il-unions rispettivi tagħhom biex jipprovaw jinnegozjaw pakketti biex jieħdu dak li ħaqqhom, imma dwar is-salarji ta' mijiet ta' eluf li daħħlu dawk li tqabbdu permezz ta' dawn il-konsulenzi. Nistaqsi: Huwa minnu li s-salarju taċ-Chief Commercial Officer jaqbeż il-€0.25 miljun? Huwa minnu li s-salarju li għandu ċ-Chief Operations Officer jaqbeż il-€0.25 miljun? Huwa minnu li s-salarju li għandu ċ-Chief Engineer jaqbeż il-€200,000? Huwa minnu li s-salarju li għandu ċ-Chief Strategy Officer u kollega ieħor tiegħu, kollha top management barranin li daħlu permezz ta' sejħiet relatati ma' din il-konsulenza, jaqbeż il-€200,000?

Meta għandna sitwazzjoni fejn il-ħaddiema Maltin qed jiġu ttrattati mod u l-konsulenti barranin li wasslu għall-falliment tal-Air Malta li qed jitħallsu l-mijiet ta' eluf, dan ma jwassalx għal tħassib? Dan ma jwassalx għall-bżonn li jsir l-istħarriġ biex naraw fejn sejrin il-flejjes mit-taxxi tal-poplu Malti u Għawdxi, kif qed jintużaw u għalxiex qegħdin iwasslu? L-episodju tal-Air Malta mhux se jagħlaq mal-għeluq tal-bibien ta' din il-kumpanija, imma għandu biss jagħlaq meta nkunu nafu l-verità kollha marbuta mal-konsulenzi u ma' dawn l-impjiegi. Għandu jkun rendikont trasparenti tal-infiq tal-flejjes tal-poplu Malti u Għawdxi.

Ngħaddi issa għas-settur tat-trasport tal-art. Jekk hawn settur fejn kien hemm falliment ma' kullimkien, żgur li huwa dan is-settur. Nista' naqsam dak li se ngħid fi tliet partijiet: dan huwa settur mifni bl-iskandli, settur mifni bil-fallimenti u settur mifni bil-U-turns.

Nibda bl-iskandli, Sur President. Jekk naqbdu ftit dak li ġara fl-aħħar xhur, kellna l-iskandlu tal-liċenzji tas-sewqan, l-iskandlu tal-liċenzji tad-dgħajjes u l-iskandlu tal-immaniġġjar tat-traffiku fejn suppost il-liġi tiddetta li jkunu biss il-Pulizija, il-LESA Officers u t-traffic wardens li jieħdu ħsieb l-immaniġġjar tat-traffiku f'pajjiżna, imma ngħataw kuntratti lis-settur privat b'metodu ta' direct order ħalli t-trasparenza żgur ma tirrenjax. Insemmi l-iskandlu ta' Christian Borg, il-protett tal-Prim Ministru li, minkejja li l-Qorti neħħietlu l-liċenzja li jopera, il-klijenti prinċipali tiegħu jibqgħu Transport Malta u l-

LESA b'mod li ħadd ma jista' jifhem kif dak li suppost huwa r-regolatur, dak li suppost li jagħti l-eżempju u dak li suppost huwa l-entità governattiva li tħares dan is-settur, ikun kompliċi ma' min fir-realtà qed jopera kontra l-liġi. Insemmi l-iskandlu tat-tags tax-xufiera. Jekk nibqa' nsemmi skandlu wara l-ieħor, ma naħsibx li n-nofs siegħa li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi dalgħodu se tkun biżżejjed.

Se niffoka dwar l-iskandlu tal-liċenzji għaliex il-konsegwenza ta' dan huma l-inċidenti u l-periklu li għandna fit-toroq tagħna. Se naqra siltiet minn dak li ġie litteralment riprodott fil-Qorti, għaliex jekk ma tismax kelma b'kelma dak li jingħad, tibda tħewden li forsi qed inġebbdu jew nesaġeraw. Ċertu persuna bl-isem ta' Mansueto f'parti mid-diskursata tiegħu jgħid hekk:

> "Really did he deserve it or not, the customer care official asked Mansueto. Mansueto replied that the candidate had not done too bad, but lacked experience on powerful motorcycles. Good. What's important is that he's done. It's his problem now, the official replied.".

Dan joħroġ minn diskors ta' xhieda, testimonjanza, li kien hemm fil-Qorti. Biex inpoġġi l-affarijiet f'perspettiva, dan kien dibattitu intern li sar permezz ta' chats, fejn Mansueto irrisponda:

> "Viva l-Labour dejjem! Always, Mizzi replied.".

Inkomplu nitkellmu dwar l-iskandlu tal-liċenzji tas-sewqan. Ray Mizzi, mill-Customer Care fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru jgħid:

> "Ignore him my friend. No worries, especially seeing that he probably isn't with us.".

Ovvjament, meta qed jgħid li "he isn't with us", qed jirreferi għat-tendenza politika. Ikompli jgħid:

> "Kelma li tibda bl-"F" bl-Ingliż li m'hemmx għalfejn ngħiduha, only his mother is with us. His father and sister are unknown, as is he, Mizzi said.".

Dawn huma diskorsi narrattivi li jekk ma tismagħhomx, ma temminhomx. Jekk ma tifhimx li qed nitkellmu fuq il-ħajja tan-nies u fuq il-periklu fit-toroq tagħna, tibda taħseb li qed ngħixu xi episodju ta' Netflix! Però hawn qed nitħaddtu fuq il-liċenzji tas-sewqan. Se nkompli nikkwota:

> "A driving examiner told the Court that Mansueto warned him that unless ..."

Isimgħuha din!

> "... a vehicle came back splattered in blood, the driver must pass his test.".

Qed jgħid li jekk il-vettura ma tiġix lura mċappsa bid-demm, għandu jħallih jgħaddi mill-eżami!

> "Examiner Roderick Cavallo testified how, on another occasion, Mansueto told him that he would have to answer to the Minister if he fails a particular candidate.".

Dak li qed iseħħ fi Transport Malta, fi skandlu wieħed wara l-ieħor, huwa surreali. Dan meta qed ntikellmu dwar is-sigurtà fit-toroq tagħna u fuq nies li mhux suppost għandhom il-liċenzja imma qegħdin isuqu vetturi f'pajjiżna. Hawn iqumu diversi mistoqsijiet bħal: Dawk kollha li ħadu liċenzja meta mhux suppost ħaduha tneħħitilhom jew le? Kemm kien hemm nies involuti? Twarrbu l-uffiċjali kollha involuti? Kien hemm indaġini dwar l-indħil politiku li wassal għal dan l-iskandlu? Għandna moħħna mistrieħ li dawk kollha li suppost tneħħew mit-toroq tagħna, għaliex huma xufiera perikolużi li qatt ma kellhom jieħdu l-liċenzja, illum il-ġurnata m'għadhomx jiġru mas-saqajn?

Kien hemm ukoll reazzjonijiet minn diversi NGOs u istituzzjonijiet. Pereżempju, il-Malta Employers' Association (MEA) sejħet dan l-iskandlu bħala anarkija, jiġifieri r-renju fejn m'hemmx liġi u kulħadd jagħmel li jrid. L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Insurance (MIA) qed titlob li t-testijiet jerġgħu jsiru. Id-Doctors for Road Safety (D4RS) qed titlob għat-trasparenza. L-Assoċjazzjoni Rota qed titlob għar-revoka tal-liċenzji. Imbagħad għandna r-reazzjoni tal-Ministru Aaron Farrugia li qal: Dak mhux illum ġara. Dak ġara sentejn ilu. Allura għax ġara sentejn ilu ma ngħidu xejn, ma nitkellmu xejn, ma nserrħu ras ħadd, min gerfex gerfex, u s-sigurtà fit-toroq tagħna tibqa' dik li hi!

Rajna artikli kemm trid fuq dan l-iskandlu. Adrian Galea kiteb artiklu fil-ġurnal *The Times of Malta* tat-12 ta' Ottubru, 2023 intitolat "An 'anything goes' culture" meta jiddeskrivi dan il-klijenteliżmu. Artiklu ieħor iġib l-isem "'Clientelism' and 'corruption': social partners react to scandal" jirrapporta dak li qalu l-Malta Chamber of Commerce kif ukoll is-Segretarju tal-UĦM Josef Vella. Artiklu ieħor fil-*MaltaToday* tat-22 ta' Awissu, 2023 jgħid li:

> "Former Labour activist to tell magistrate of criminal ruse to pass driving candidates and sell ID cards".

U l-lista tkompli għaddejja. Però l-isbaħ kienet ir-reazzjoni tal-Prim Ministru Robert Abela li, minkejja dak li ġara u t-theddida għas-sigurtà fit-toroq tagħna, f'din il-Kamra ġie jgħidilna: Hekk sew! Hekk suppost, ħalli nkunu nistgħu naqdu lil kulħadd! Il-ġurnal *The Times of Malta* jirrapporta li minn stħarriġ li għamel u li ġie rrapportat nhar il-Ħamis 9 ta' Novembru, 2023 joħroġ li:

> "Voters overwhelmingly..."

\- aktar minn 70% -

> "disagree with PM's defence of driving-test racket.".

Il-messaġġ li qed jagħti l-Gvern huwa li nistgħu ngerfxu? Qed jgħidilna li l-ħażin huwa tajjeb? Qed jgħidilna mhux li l-ħażin ma naqbduhx jew li nagħlqu għajn waħda, imma li nberkuh u nipproteġuh? Dan hu dak li rridu fit-toroq tagħna?!

Mill-iskandli ngħaddi għall-fallimenti, Sur President. Ftit snin ilu, naħseb wasalna għas-seba' sena, u jekk ma wasalniex, qegħdin viċin, Gvern Laburista kien ħabbar li se jsir investiment ta' €700 miljun fuq seba' snin biex it-toroq tagħna jiġu ġenna tal-art, insolvu l-problema tat-traffiku, u nkunu nistgħu mmorru minn post għall-ieħor fi żmien raġonevoli li ma jeċċedix il-ħin li nieħdu biex minn Malta naslu fl-Ajruport ta' Londra! Mill-ewwel ġurnata li l-Gvern kien ħabbar dan l-investiment b'pompa kbira, bħala Oppożizzjoni konna għedna li filwaqt li investiment irid isir, imma huwa impossibbli li meta għandna żieda kbira ta' karozzi fit-toroq u żieda kbira fil-popolazzjoni, wieħed jaħseb biss biex isewwi u jwessa' t-toroq u mhux f'soluzzjoni b'investiment kapitali ta' kif se nimmaniġġjaw it-traffiku u naraw li jkollna sistema tajba ta' immaniġġjar tat-traffiku li taħdem f'pajjiżna.

Illum il-ġurnata hawn kunsens, inkluż min-naħa tal-Gvern, mill-esperti u mill-istakeholders kollha, li fi ftit snin se naslu għal iġġammjar tat-traffiku totali. Hawn mhux qed ngħidu li llum għandna l-festa u minflok kwarta se ndumu siegħa. Għaliex imbagħad trid tara l-bravura u l-għerf li joħroġ bih dak li suppost qed imexxi Transport Malta, li jgħidlek: Mur tard ix-xogħol u tidħolx fil-ħin. Hekk qalilna! Dan sieħeb l-ieħor li qalilna biex l-iskart organiku nitfgħuh fil-friża! Dawn huma l-għorrief li qegħdin imexxu l-istituzzjonijiet tagħna! Hekk ikunu s-soluzzjonijiet maħsubin, ippjanati u studjati? Qalulna x'se jagħmlu b'dawn is-€700 miljun u min-naħa tagħna għednielhom li rridu soluzzjonijiet maħsuba u pjanijiet fit-tul. Però minn dan ma ġara assolutament xejn. Nerġa' ngħid li llum hawn kunsens li ġejjin f'sitwazzjoni ta' traffiku ġġammjat.

Insemmi l-kwestjoni tar-road safety. Il-ġurnal *The Malta Independent* jirrapporta stħarriġ tan-National Statistics Office (NSO) li jgħid:

> "The number of reported traffic accidents during the third quarter of 2023 reached 4,351, up by 7.1 per cent over the same period in 2022.".

L-inċidenti fit-toroq tagħna qed jiżdiedu kull sena b'ammont sostanzjali. Qed ikollna 65 karozza fit-toroq tagħna kuljum aktar mill-ġurnata ta' qabel. Għandna eluf ta' barranin li ġew f'pajjiżna fuq medda ta' għaxar snin, madwar 100,000, u din mhijiex żieda tal-popolazzjoni b'mod ħolistiku fejn jitwieldu t-tfal, jikbru u għall-inqas għandek 18-il sena sakemm jibdew isuqu l-karozza, imma għandna 100,000 li ġew f'pajjiżna u kollha għandhom 'il fuq minn 18-il sena. Mela għandek problema immedjata u massiċċa fit-toroq tagħna li qed tiżdied ġurnata wara l-oħra.

Minbarra ż-żieda tal-inċidenti u sfortunatament rekords f'dawk li huma fatalitajiet, issa għandna wkoll ħolqa bejn tniġġis, dipressjoni u ansjetà. Waħda mill-aktar konsegwenzi li qed tweġġa' lin-nies hija li din is-sitwazzjoni qed tħalli effett fuq is-saħħa mentali tan-nies. Mela issa m'aħniex qed nitkellmu dwar ħin biss. Lanqas mhu qed nitkellmu dwar dak li qalet iċ-Chamber of Commerce li dan il-ħin qed jissarraf f'telf ta'

miljuni ta' ewro, imma hawn qed nitkellmu dwar il-benesseri, is-saħħa fiżika u mentali tan-nies.

Hemm ukoll il-konsegwenza ambjentali. Artiklu f'*The Times of Malta* tas-17 ta' Novembru, 2023 jgħid li: "Malta tops EU table for increase in greenhouse gas emissions." Għandna rekord wara l-ieħor negattiv f'dan is-settur. Però kulma nisimgħu huma skużi differenti minn ġurnata għal oħra. Hawn irrid nirringrazzja lill-Ministru li għall-inqas huwa pjuttost inventiv f'dak li jipprova jsib bħala skuża dwar il-falliment li qegħdin inbatu.

Sur President, hawn qed nitkellmu dwar il-Baġit u għaldaqstant tajjeb li naraw x'qed jgħid il-Ministru għall-Finanzi li skont dak irrapportat fil-ġurnal *The Malta Independent* tal-31 ta' Ottubru, 2023 qal hekk:

> "Traffic and climate change among Government's biggest priorities.".

Mela l-Gvern iddikjara li waħda mill-ikbar sfidi li għandu pajjiżna hija fit-traffiku u fl-emissjonijiet relatati mat-traffiku. Fil-fatt il-kwalità tal-arja hija l-agħar jew it-tieni l-agħar fl-Ewropa kollha. Hawn wieħed kien qiegħed jantiċipa li fil-Baġit se nsibu r-refuġju, is-soluzzjoni jew imqar, biex nuża frażi relatata mal-infrastruttura, light at the end of the tunnel, però minn dan ma rajna xejn. F'paġna 85 tal-Baġit naqraw dwar trasport pubbliku sostenibbli, attiv u alternattiv.

Isimgħu ħalli sserrħu moħħkom. Naqraw li:

> "Il-Gvern għaddej bir-reviżjoni tal-Masterplan għat-Trasport li se jkopri l-investimenti u l-miżuri meħtieġa sabiex tkun realizzata l-viżjoni tal-Gvern għal dan il-qasam sal-2030.".

Introduzzjoni b'saħħitha u kulurita li tispirak u li tgħid li ġej l-investiment. Hawn se naqra x'jiġi wara dan.

> "Din is-sena ħabbarna li se nibdew naħdmu fuq proġett b'investiment ta' €35 miljun fuq medda ta' ħames snin fejn se noħolqu passaġġi għar-roti kif ukoll passaġġi pedonali u żoni ta' tisbiħ f'żoni urbani.".

Ovvjament hawn qed nistennew x'inhu ġej għall-vetturi, għat-traffiku u għall-immaniġġjar tiegħu. Inkomplu naqraw:

> "Għaddej ix-xogħol fuq l-abbozz tat-tender tal-ewwel fażi li mistenni jkun lest sal-aħħar tas-sena.".

Mela l-Ministru qalilna li sas-sena 2030 se jkun hemm dan l-investiment biex ikollna minn fejn ngħaddu bir-roti. Tajjeb! Inkomplu naqraw:

> "Għamilna konsultazzjoni mal-istakeholders biex naslu għal miżuri li jnaqqsu t-traffiku tar-rush hour.".

Mela siegħa waħda biss f'ġurnata jkollna t-traffiku, mhux hekk! Fis-sigħat l-oħra n-nies kollha qegħdin għaddejjin minn perċezzjoni ġenerali li t-traffiku li jinsabu mwaħħlin fih mhu traffiku xejn! Għar-rush hour biss ħaseb il-Ministru! Meta qrajt hekk jien fhimt li l-baġit għal dan il-qasam se jkun ftit inqas għaliex se jindirizza siegħa waħda biss. Inkomplu naqraw mid-diskors tal-Baġit:

> "Qegħdin niffinalizzaw il-pjan biex numru ta' servizzi fit-toroq tagħna ma jingħatawx qabel id-9.00 ta' filgħodu.".

U kollox jieqaf hemm, Sur President! M'hawn xejn aktar fil-Baġit u m'hemmx ewro li huwa ewro ivvotat biex naraw kif se nsolvu l-problema tat-traffiku. M'hemmx investiment kapitali li se jsir din is-sena u fis-snin ta' wara sas-sena 2030 biex nindirizzaw din l-isfida. Mela ċertezza waħda għandna f' "Malta Ġusta" taħt il-Labour, li ilna snin nistennew fit-traffiku u hekk se nibqgħu taħt il-Gvern tal-Labour! Anzi, wara analiżi aktar approfondita ntbaħna li tnaqqis kien hemm u mhux żieda fl-investiment. Fil-ġurnal *The Times of Malta* tal-1 ta' Novembru, 2023 jintqal hekk:

> "Roadworks spending cut by €20 million.".

F'dan il-Baġit fejn il-Gvern identifika t-traffiku bħala waħda mill-problemi ewlenin u t-tniġġis bħala waħda mill-isfidi prinċipali, minflok kellna investiment, kellna tnaqqis ta' €20 miljun, tant li l-ġurnal *MaltaToday* tal-5 ta' Novembru, 2023 jikkonkludi dan li ġej:

> "Government unresponsive on proposed traffic easing measures.".

Dan huwa settur tal-U-turns li fil-ftit ħin li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi se nsemmi wħud minnhom. L-iscooters kienu tħabbru bħala waħda mill-alternattivi tal-mobilità. Mela fqajna l-pajjiż bl-iscooters, imbagħad intbaħna li r-regolamentazzjoni mhijiex adegwata. Bħala Oppożizzjoni għamilna l-proposti tagħna, imbagħad il-Gvern biddel il-liġi, wara ntebaħ li dak li kien għamel m'għamlux sew u ma kellux biex jinfurzah, biex imbagħad ħabbrilna li dawk l-eluf ta' scooters li kien ħajjar biex isir investiment fihom, sa Marzu se jispiċċaw kollha.

U-turn oħra tirrigwarda l-Y-plates, fejn l-ewwel imlejna kull m'hawn b'eluf ta' Y-plate cars, drivers u tags, imbagħad għedna li għandhom bżonn il-garaxxijiet, imbagħad għedna li l-garaxxijiet iridu jkunu fuq wiċċ l-art. Wara għedna li l-garaxxijiet iridu jkunu public service garages, imbagħad saret pressjoni, tkellimna min-naħa tal-Oppożizzjoni, wara qam kjass sħiħ, sa ma mbagħad il-Ministru reġa' biddel il-liġi għax induna li l-liġi li kien hemm ma kenitx tajba jew adegwata għal dan is-settur.

Però l-ikbar U-turn hi li ftit ġimgħat qabel l-elezzjoni li għaddiet kulħadd kien qiegħed b'antiċipazzjoni kbira biex ftit wara l-elezzjoni jibdew ix-xogħlijiet fuq il-metro li kellha tkun is-soluzzjoni għat-trasportazzjoni tal-massa f'pajjiżna. Kellna slides, lectures u mockups f'Putirjal fejn kont tista' tidħol fit-tinda u tħossok qiegħed ġo xi 'back to the future experience', għax titla' fuq il-metro b'mod virtwali u tiġi trasportat f'dak li suppost kien se jkun il-mezz alternattiv. Issa għandna sitwazzjoni interessanti għax il-ġimgħa li għaddiet il-Prim Ministru qalilna: Le, il-metro tista' tistenna, mhux se ssir għalissa, insewha! Però lbieraħ il-Ministru Aaron Farrugia qal li għadhom qed jistudjaw u se jaraw kif se jiffinanzjaw il-proġett tal-metro!

Wasalt biex nikkonkludi dan id-diskors, għalkemm f'nofs siegħa diffiċli tispjega l-falliment f'dan is-settur, fejn in-nies qed iħossu l-weġgħa ta' dan il-falliment. Hemm soluzzjonijiet? Meta niktbu, nitkellmu u niddibattu dwar dawn il-problemi, in-nies jistaqsu jekk hemmx soluzzjonijiet. Iva, hemm soluzzjonijiet, u bħala Oppożizzjoni għamilna diversi proposti għal dak li jista' jsir issa, fil-futur medju u fit-tul. F'dan ir-rigward se nsemmi għaxar punti li kont diġà spjegajthom f'dik li kienet konsultazzjoni li kien nieda l-Ministru Aaron Farrugia, però s'issa ma tantx għadni smajt reazzjonijiet min-naħa tal-Gvern.

Konna tkellimna fid-dettall dwar l-introduzzjoni tal-ħinijiet tas-servizzi, li m'għandhomx ikunu biss għas-servizzi, imma jkunu wkoll għal entitajiet governattivi, fabbriki, is-settur tal-kostruzzjoni u servizzi varji, u mhux biss dawk li jidher li qed isiru d-diskussjonijiet dwarhom, u l-iskejjel. Kif nafu, meta l-iskejjel ikunu magħluqin u mbagħad jerġgħu jibdew, wieħed jara differenza kbira fit-traffiku. Mela huwa ċar li parti minn dak li hu maniġġjar tat-traffiku jrid isir f'dawn il-ħinijiet.

Insemmi l-work from home. Tul il-pandemija COVID-19 kellna ħafna opportunitajiet u konna tkellimna ħafna li minħabba emerġenza nazzjonali tas-saħħa, kulħadd kien qed jaħdem mid-dar. Bħala Oppożizzjoni konna għedna ejja naqbdu dan il-mudell, nagħtu l-inċentivi, u naraw kif ma jerġax joħroġ kulħadd fit-triq għaliex ikun hemm min jaħdem mid-dar.

Insemmi s-servizzi online. Kien sar investiment kbir fi żmien Gvern Nazzjonalista għal dawk li huma servizzi online, u prattikament fl-e-government ġrejna bil-kumplament tal-pajjiżi l-oħrajn. Però rridu naraw li jkun hemm servizzi online fejn ma jkunx hemm il-ħtieġa li n-nies imorru l-Belt Valletta jew uffiċini oħrajn. B'hekk innaqqsu l-użu tal-karozzi fit-toroq tagħna.

Insemmi wkoll il-priority lanes, ir-rotot tal-karozzi tal-linja, u t-tip ta' vetturi li jintużaw mill-Malta Public Transport huma r-raba' soluzzjoni li tista' ssir b'mod immedjat.

Niġi issa għal soluzzjonijiet medium-term. Insemmi l-parkeġġi fiċ-ċentri kummerċjali. Konna semmejna diversi ċentri kummerċjali, fosthom il-Mosta, ovvjament bis-siġar mhux mingħajr, Raħal Ġdid, ovvjament bil-pjazza suret in-nies u mhux imbiċċra, Birkirkara, il-Ħamrun, il-Fgura u Tas-Sliema. Jekk iċ-ċentri kummerċjali kollha jkollhom il-parkeġġi tagħhom, meta l-karozzi jaslu fil-post isibu fejn jipparkjaw u mhux iduru għal darba, darbtejn, tlieta, erbgħa, ħames darbiet biex isibu l-parkeġġ u jkunu qed iżidu t-traffiku kif ukoll il-konġestjoni tal-istess traffiku.

Insemmi l-artificial intelligence assisted traffic management solutions li jeżistu madwar id-dinja. B'hekk inkunu nistgħu nagħmlu maniġġjar tat-traffiku bl-aktar mod intelliġenti mhux biss bl-

intervent uman, imma anke permezz tal-intelliġenza artifiċjali.

Soluzzjoni oħra hija r-rotot alternattivi li jkunu qed jintużaw b'mezzi tal-baħar fiż-żona tal-Port. Kif nafu, il-parti kbira tat-traffiku jiġi ġġenerat f'dik iż-żona u għalhekk dawn it-tipi ta' rotot mhux noqtluhom, kif ġara ftit taż-żmien ilu meta kien hemm il-kwestjoni mal-barklora, imma naċċertaw li jiżdiedu biex ikunu servizz alternattiv li jnaqqsu l-piż tat-traffiku fit-toroq tagħna.

Insemmi l-inċentivi għaż-żgħażagħ u l-anzjani li ma jibqgħux jużaw jew, fil-każ taż-żgħażagħ, ma jibdewx jużaw vetturi ġodda. Fil-fatt, kien hemm esperimenti dwar dan barra minn Malta. Jistgħu jsiru proġetti pilota f'pajjiżna, imma l-Gvern s'issa ma ta l-ebda reazzjoni dwar dan. Dawn kienu l-erba' proposti li jistgħu jsiru issa u l-erba' l-oħra li jistgħu jsiru medium-term.

Niġi issa għal żewġ proposti long-term, Sur President. L-ewwel waħda hija l-metro li diġà tkellimna dwarha u li minn studji riċenti joħroġ li mhux veru hemm bżonn 30 sena biex jitlesta. Jekk l-affarijiet isiru sew, l-ewwel parti ta' metro li tkun fuq linja waħda diretta tista' titlesta saħansitra f'bejn ħames u sitt snin. It-tieni proposta, u l-aktar waħda importanti għaliex inkella l-problema se tibqa' tiggrava ġurnata b'ġurnata, hija t-tibdil fil-mudell ekonomiku ta' pajjiżna. Sa għaxar snin ilu kien hawn ftit aktar minn 400,000 ruħ jgħixu f'pajjiżna u llum hawn 'il fuq minn 550,000 ruħ, għall-inqas b'mod uffiċjali.

Il-Ministru għall-Finanzi qed jgħidilna li sa ftit snin oħra se jkollna popolazzjoni ta' 800,000 ruħ. Ifhmu din! Dan ifisser li fl-aħħar għaxar snin żidna l-popolazzjoni b'100,000 ruħ u fil-15-il sena li ġejjin se nkomplu nżiduha bi 300,000, jiġifieri tliet darbiet aktar ta' dak li żdidna fl-aħħar għaxar snin! B'hekk, fuq medda ta' ftit aktar minn 20 sena, il-popolazzjoni f'pajjiżna se tkun irduppjat. Jekk ma nbiddlux il-mudell ekonomiku minn issa u naraw li ma nibqgħux niddependu fuq l-importazzjoni taċ-cheap labour f'pajjiżna, il-problema mhux se tissewwa jew tittaffa, imma litteralment ma nkunux nistgħu nużaw aktar it-toroq tagħna. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ryan Callus.

**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, nibda billi nsellem lill-ħaddiema taċ-Ċivil u tas-Settur Pubbliku li qegħdin magħna f'din il-Kamra llum. L-investituri barranin li joperaw f'Malta iħarsu lejn tliet punti ewlenin fost l-ewwel prijoritajiet li jaraw biex Malta tibqa' attraenti globalment. Dan ħareġ fi stħarriġ ta' Ernst & Young (EY) bl-isem Malta Attractiveness Survey 2022 li kien ippubblikat ftit tal-ġimgħat ilu. Fost it-tliet prijoritajiet li elenkaw, identifikaw il-ħolqien ta' niċeċ ekonomiċi ġodda li għadu kif semma l-Onor. Adrian Delia, liema pożizzjoni hija identika għal dik li ilha titkellem dwarha l-Oppożizzjoni. Neħtieġu niċeċ ġodda li ma jkissrux l-ambjent, ma jagħmlux sfreġju, ma jirrikjedux aktar teħid ta' art u li jżidu d-densità. Fi ftit kliem, irridu niċeċ ekonomiċi li ma jkunux ibbażati fuq il-massa u l-kwantità, iżda fuq il-kwalità.

It-tieni punt ta' prijorità li qed jaraw l-investituri barranin li joperaw f'Malta huwa relatat mal-infrastruttura, it-trasport u l-ippjanar. Din hija wkoll identika għall-pożizzjoni tagħna bħala Oppożizzjoni li ilna nitkellmu dwarha. Dan huwa d-dibattitu li għandna nħarsu 'l quddiem li nagħmlu.

It-tielet prijorità fl-istess pożizzjoni tal-infrastruttura hija l-edukazzjoni u l-ħiliet. Għalina l-edukazzjoni hija prijorità wkoll. Min-naħa tiegħi se nillimita l-analiżi tiegħi dwar l-ewwel żewġ punti ta' dak li identifikaw l-investituri barranin, li huma l-infrastruttura, it-trasport u l-ippjanar.

Ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ juru li 88% tal-investituri barranin li joperaw f'Malta jemmnu li l-infrastruttura ta' pajjiżna mhijiex ippreparata għat-tkabbir fil-popolazzjoni li qed naraw. Minn dawn it-88%, 50% jemmnu li l-infrastruttura ta' pajjiżna hija ħażina ħafna, biex ma nużax il-kelma "diżastru". Parti oħra ta' 38% jemmnu li l-infrastruttura ta' pajjiżna mhijiex adegwata għal pajjiżna. Huma 6% biss tal-investituri barranin li joperaw f'pajjiżna li jemmnu li l-infrastruttura ta' pajjiżna hija adegwata. Issa jista' jkun li minn dawn is-6% tal-investituri barranin kien hemm il-Vitals u Steward Healthcare li wieġbu għal dan l-istħarriġ, imma dawn iż-żewġ entitajiet ma nistax nikkonsidrahom bħala investituri f'pajjiżna!

Lill-Ministru ngħidlu li dan huwa l-ġudizzju tal-investituri li jinvestu f'Malta. Hawn mhux qed nirreferi għal dawk li ressquhom lejn pajjiżna biċ-

cheap labour, imma għal min qiegħed f'Malta jinvesti u rriduh li jkompli jinvesti. Nifhem li l-Gvern ma jagħtix kasna bħala Oppożizzjoni u li xi drabi jinjorana, imma jekk ma jagħtix kas ukoll tal-investituri barranin f'Malta, dik hija storja oħra.

Lill-Ministru nappellalu: Iftaħ għajnejk u widnejk sewwa. Importanti li inti u l-Gvern li tirrappreżenta tneħħu l-għamad li għandkom m'għajnejkom f'dan is-settur krućjali għal pajjiżna, għal-lum u għall-futur immedjat u fit-tul. Dan l-istħarriġ tal-EY fost l-investituri barranin mhuwa xejn ħlief kundanna kbira u konferma li l-infrastruttura ta' pajjiżna llum saret l-ikbar impediment għat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna. Din hi r-realtà! U x'għamel dan il-Gvern? Naqqas il-baġit infrastrutturali b'aktar minn 10%! Għalhekk qed ngħid lill-Ministru li jrid ineħħi l-għamad minn quddiem għajnejh!

Huwa evidenti, issa mhux biss minn dak li ilna ngħidu bħala Oppożizzjoni, imma anke minn dak li qed jgħidu l-investituri barranin - u hawn inżid ukoll l-investituri Maltin - li dan il-pajjiż ma jistax jimxi biss bin-nies li ddaħħlu fis-servizz pubbliku u fis-settur pubbliku. Dan il-pajjiż jista' jikber u jissaħħaħ billi nkomplu nsaħħu s-settur privat. Però, meta 88% tal-investituri barranin qed jgħidu li l-infrastruttura mhijiex adegwata, kif il-Gvern naqqas il-baġit għall-infrastruttura għas-sena li ġejja? F'dan is-settur huwa evidenti li l-Ministru għandu problema kbira ħafna. Illum ir-responsabbiltà qiegħda fuqu u allura għandu ħafna aktar responsabbiltà minn sħabu fl-Eżekuttiv.

L-istħarriġ ma jiqafx hemm, imma jidħol f'aktar dettall fuq 13-il tema fejn għandna infrastruttura ħażina jew inadegwata. Hawn se nsemmi tnejn minnhom biss, li huma l-infrastruttura tat-toroq u l-infrastruttura dwar it-trasport tal-massa. Nibda bl-infrastruttura tat-toroq, fejn m'iniex se ninkludi biss x'jgħidu l-investituri barranin, imma anke dak li qed jgħidu l-Maltin li nirrappreżentaw f'din il-Kamra. Huwa minnu li f'dawn l-aħħar snin sar investiment fit-toroq, u m'għandi l-ebda diffikultà nirrikonoxxi dan.

Ovvjament dawn ix-xogħlijiet ma sarux biss fl-aħħar għaxar snin, għax donnu li għal xi wħud ix-xemx telgħet fl-2013 u qabel kellna toroq bil-ġebel u biż-żrar, kif jipprova jagħti l-impressjoni dan il-Gvern! Iva, kemm qabel u anke matul dawn l-għaxar snin saru toroq ġodda grazzi għall-fondi Ewropej. Illum, il-Gvern jiftaħar tant b'dawn il-fondi, għaliex għandu l-flus f'idejh. Aħna hekk nieħdu pjaċir għax dan hu ta' ġid għall-poplu tagħna. Però l-verità hi li n-naħa l-oħra jridu jqabblu fejn jaqblilhom, għax illum huwa evidenti li l-pożizzjoni li kellhom qabel kienet waħda żbaljata. Però ħalli ma niddevjax fuq dak il-punt, għax il-kwestjoni hawnhekk mhijiex dwar kemm infaqna miljuni f'toroq ġodda.

Huwa l-iblah li joqgħod jiftaħar li qata' ż-żigarella, ra t-tarmak għadu iswed, ileqq, sabiħ, bil-linji sofor jew bojod għadhom ġodda, u jieqaf s'hemm. L-għaref jiġġudika kemm dik it-triq se sservi bl-infrastruttura taħtha wkoll. Inutli jkollna tarmak sabiħ jekk taħt hemm il-problemi, bħalma rajna fil-pudina tad-distribuzzjoni tal-enerġija matul dan is-sajf. Forsi nifhem li l-Ministru se jgħidli li dak mhuwiex is-settur tiegħu, imma aħna qegħdin hawn mhux biex kulħadd iressaq in-nar lejn xawwatu, imma biex kulħadd jara kollox. Ir-responsabbiltà tal-Ministru mhijiex it-tarmak ta' fuq biss, imma li jara li ħolistikament il-bini tat-triq bis-servizzi kollha jsir sewwa. Ir-responsabbiltà mhux sakemm tinqata' ż-żigarella biss, imma li triq isservina minn tal-inqas għal għaxar snin, mingħajr ma nerġgħu niftħuha.

Hawn nistaqsi lill-Ministru jekk hux kapaċi li meta llum iqum jitkellem jgħid jekk kienx hemm triq waħda li saret f'dawn l-aħħar għaxar snin li fiha m'hemmx biċċa li nqalgħet. Anzi se nagħtih sfida ftit ikbar, però m'għandix dubju li l-Ministru għandu ħafna konsulenti jgħinuh, mhux bħalna. Il-Ministru għandu l-fakultà li bil-flus pubbliċi jqabbad il-konsulenti biex jgħinuh f'ħidmietu. Jista' l-Ministru llum jagħti persentaġġ ta' kemm mit-toroq kollha li saru ġodda, f'dawn l-aħħar ħames snin, mhux se ngħid għaxar snin għax inkella ċ-ċifra tispara aktar, sar xi xogħol ġdid fihom? Nispera li l-Ministru jagħtini risposta. Qed nitlob ċifra u mhux kliem fl-arja. Ipprovajna nagħmlu dawn il-mistoqsijiet parlamentari, imma r-risposti qatt ma waslu.

Ħalli nagħti eżempji biex ninftiehem aħjar. Fis-Siġġiewi, it-triq li tagħti minn Ħaż-Żebbuġ għas-Siġġiewi li ngħidulha l-benniena, saret malajr qabel l-elezzjoni ġenerali li għaddiet biex jitranġaw it-tappieri. Dan hu tajjeb, imma r-riżultat illum huwa li t-tappieri diġà bdew jinżlu. Agħar minn hekk, biex ngħaġġlu ħalli lis-Siġġiwin u ż-Żebbuġin jgħidulhom li għamlu triq ġdida, il-problema tad-drenaġġ li kien hemm taħt

it-triq ma ssewwietx. Tgħaddi minn hemm, riħa ta' drenaġġ għad hemm! Issa jien nifhem li dakinhar kien hemm Ministru ieħor, imma jien ma jinteressanix min kien il-Ministru, għax niġġudikahom bħala Gvern kif għamlu n-nies li vvutawlhom.

Dawn irranġaw it-tappieri u l-problema tad-drenaġġ taħt it-triq ma rranġawhiex għax ma kenux se jlaħħqu sal-elezzjoni! Dan għaliex bdew it-triq qabel il-kampanja elettorali u lestewha sakemm għaddiet l-elezzjoni ġenerali! Insemmi triq oħra fis-Siġġiewi, Triq Santa Margerita li hija wiesgħa xi ħames karozzi, fejn ħaġa tal-iskantament reġgħu għaddew is-servizzi tal-ilma u d-drenaġġ f'nofs it-triq. Issa qed inżomm iż-żmien jien stess sakemm tiġi l-ewwel darba li xi ħadd irid jerġa' jqabbad ma' dan is-servizz u jrid jagħmel trinka sħiħa fit-triq wiesgħa numru ta' metri u nerġgħu nċarrtu din l-infrastruttura ġdida li għamilna. Sur President, jien nirrikonoxxi li sar investiment, imma m'iniex iblah u qed nipprova nuri lin-nies li m'għandniex inkunu boloh u nifirħu biss għax sar it-tarmak.

Punt ieħor li nixtieq inqajjem huwa dwar il-fatt li fil-Baġit, apparti l-proġett maġġuri tal-Imsida, donnu li l-Gvern mhux se jagħmel proġetti maġġuri oħrajn. Possibbli l-Ministru ma jgħaddix mir-roundabout ta' Ħal Qormi, magħrufa bħala tal-Imgħallaq? Għandu xi shortcut? Mhux se ngħid li jgħaddi bi skorta, għax il-Prim Ministru jkollu skorta, għal waħda, tnejn, tlieta u malajr jasal fejn għandu jasal! Però l-Ministru m'għandux skorta. Ma jarax id-diżastru li jkun hemm kuljum filgħodu u filgħaxija mar-roundabout tal-Imgħallaq? Allura, kif fil-Baġit ma jniżżel xejn dwar titjib infrastrutturali f'din il-junction li twassal sal-junction l-oħra ta' ħdejn il-Pavi! Hemmhekk għandna falliment totali tal-infrastruttura tat-toroq tagħna u f'dan il-Baġit ma jintqal assolutament xejn biex nindirizzaw din il-problema, li ma nħolqotx issa, imma ilha għal diversi snin.

Nagħti eżempju ieħor. Huwa aċċettabbli għall-Ministru li triq residenzjali, Triq l-Imdina fis-Siġġiewi, iddum sena biex titlesta? Timmaġinaw li tgħixu fi triq mimlija trab għal sena sħiħa? F'għeluq is-sena r-residenti tat-triq għamlu party żgħir fit-trab jiċċelebraw il-quċċija tat-triq! Sena sħiħa! Hawn huwa evidenti li f'Infrastructure Malta m'hemmx kordinament u kollox għaddej għal riħu. Nagħtu triq lill-kuntrattur u l-kuntrattur idum kemm irid biex ilestiha. Dawn l-affarijiet mhumiex aċċettabbli!

Niġi għal punt ieħor, Sur President. Ftit tal-jiem ilu rċevejt email mingħand persuna nieqes mid-dawl. Tlabt il-permess tiegħu biex insemmih. Qed nirreferi għas-Sur Epifanio Vella li qalli li japprezza jekk nitkellem fuq dak li kitibli fl-email u nimbotta fuqu. Qalli li huwa persuna nieqes mid-dawl u staqsieni jekk hu wkoll għandux dritt li jgħix ħajja tajba bħal ħaddieħor. Fl-email qalli: Immaġina ftit meta tgħaddi mit-toroq issuq jew tkun miexi, inti tara b'għajnejk li hemm xogħol qed isir fit-triq jew gandott, għax għandek il-faċilità li tara. Però jien ma narax. Kif taħseb li nħossni jien meta noħroġ biex nimxi u ma jkunx hemm ilqugħ fil-perimetru kollu tal-gandott?

Kif tħossok kieku inti kont floki, Ryan? Għedtlu li nista' nipprova nifhmu biss, għax ma nistax nidħol fiż-żarbun tiegħu mija fil-mija. Però wegħidtu li se nqajjem il-punt tiegħu f'din il-Kamra. Lill-Ministru ngħidlu li huwa importanti li Infrastructure Malta tagħti kas ta' dawn is-safety concerns, għaliex jistgħu jwasslu għal inċidenti, speċjalment lill-persuni b'diżabilità u oħrajn neqsin mid-dawl. Dan l-individwu talabni wkoll biex inwassal il-messaġġ ħalli l-bankini l-ġodda li jsiru jkunu aktar wesgħin skont l-istandards għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, 1.2 metri. Issa probabbli l-Ministru se jqum u jgħidli li t-toroq tagħna huma dojoq.

Iva, imma għalhekk importanti li jkollna trasport tal-massa ħalli nneħħu l-karozzi mit-toroq tagħna. B'hekk biss nistgħu nħajru n-nies jabbandunaw il-karozza privata tagħhom. B'hekk ikun hemm inqas bżonn spazju għall-parkeġġ u nkunu nistgħu nagħmlu bankini aktar wesgħin. Din hija katina fejn ħaġa torbot ma' oħra, imma sfortunatament il-Gvern m'għandu l-ebda viżjoni dwarha. Dan l-individwu mar lil hinn minn hekk u staqsieni: Intom veru temmnu fil-persuni b'diżabbiltà u bi bżonnijiet speċjali? Qed isiru toroq ġodda u f'kull tarf ta' kantuniera ma ssirx rampa. Fejn hu dan il-paroli kollu dwar il-persuni bi bżonnijiet speċjali? Kif taħseb li nħossni jien meta niġi fit-tarf tal-bankina u m'hemmx tactiles? Tactiles huma dawk li qishom tappini li suppost ikunu fit-tarf tal-bankina jew tar-rampa.

Fl-opinjoni tiegħi, din hija nuqqas ta' sensittività min-naħa ta' dan il-Gvern; jien ngħid ta' dan il-Parlament, imma llum hemm dan il-Gvern fil-poter, lejn il-persuni bi bżonnijiet speċjali. Qalli

wkoll: X'jiġifieri jkollok bankina u titfagħli street furniture f'nofsha? Jien ngħid forsi biex tidher sabiħa l-bankina! Imma aħna sa hemmhekk biss iwassal moħħna?! L-istreet furniture m'għandhiex tkun f'nofs il-bankina, imma fit-tarf tal-bankina u n-nofs dejjem ikun liberu. Qalli wkoll: Fit-tul kollu tal-bankina għandhom jiġu introdotti t-tactiles ħalli meta nkun nimxi bil-walking aid, inkun nista' nifhem f'liema sezzjoni tal-bankina qiegħed u meta jieqfu dawn it-tactiles nista' nifhem li se tieqaf il-bankina. Nittama li l-Ministru jieħu dawn il-punti li qed insemmi b'serjetà.

Ħalli niġi għall-eżamijiet tal-liċenzji tal-karozzi, li semmieha diġà l-Onor. Adrian Delia aktar qabel. M'hemmx xi ngħidu, rajna skandlu kbir fl-għoti tal-liċenzji tas-sewqan tal-karozzi u s'issa għadu ħadd ma refa' r-responsabbiltà politika. Ir-riżultat ta' dan hu li llum għandna sewwieqa fit-toroq tagħna li jsuqu mingħajr ma jafu jsuqu. Dan huwa dak li jiġri taħt dan il-Gvern, li lest li jixtri l-voti, anke jekk ipoġġi ħajjitna fil-periklu.

Iżda bħal kollox, mal-ħażin jeħel it-tajjeb. Issa għaddew diversi xhur minn dan l-iskandlu u nispera li l-Ministru ma jgħidilniex li dan ma ġarax taħtu, għax illum din hija problema tiegħu u jrid isolviha hu, mela mhux se nħalluh jaħrab minnha. Jidhirlu l-Ministru li huwa ġust li persuna li applikat għall-eżami tas-sewqan erba' xhur ilu, sal-lum il-ġurnata għadha mingħajr data għall-eżami tas-sewqan? Għall-korruzzjoni li hemm fl-istituzzjonijiet u fid-dipartimenti tal-Gvern qed ibati ċ-ċittadin ġenwin. X'jiġifieri student jew żagħżugħ irid jistenna erba' xhur biex jagħmel dan it-test!

Ovvja x'ġara! Wara dan l-iskandlu ġġammja kollox. Mela mhux talli ħadd ma refa' responsabbiltà politika, imma m'għamlu xejn biex jirranġaw is-sistema. Fejn qabel kien hemm min idum biex jitla' għat-test tas-sewqan għax jitqabbeż xi ħaddieħor, illum l-abbandun donnu kiber. Huwa għalhekk li rrid inwassal f'din il-Kamra dak li qiegħed jiġri. Għaliex possibbli l-Ministru ma jafx x'inhu jiġri f'dan is-settur? Ħadd ma kellmu dwar din il-problema?!

Sur President, ngħaddi issa għall-aħħar punt, li huwa dwar it-trasport tal-massa. Dan huwa punt ieħor li l-investituri barranin fir-rapport tal-istħarriġ tal-EY semmewh bħala kruċjali għal pajjiżna. Pajjiżna jrid jinvesti fit-trasport tal-massa u fi trasport pubbliku li jkun effiċjenti u jwasslek malajr minn post għall-ieħor. It-trasport illum għandu l-problema li m'hemmx kareġġjati għal dan l-iskop. Napprezza li jkun hemm investiment fit-titjib ta' karozzi tal-linja u aktar vetturi elettriċi, però jibqa' l-fatt li għadna ma kkonvinċejniex lil min għandu karozza privata biex iħalliha d-dar u jaqbad it-trasport pubbliku. Però mbagħad, filwaqt li 88% tal-investituri barranin qalu li hemm bżonn trasport tal-massa, hija ħaġa tal-iskantament li f'dan il-Baġit ma nisimgħu xejn fuq il-metro! Totalment tal-blieh! Jien ma stajtx nemminha meta bdejt indawwar paġna wara l-oħra u ma nsib xejn dwar trasport tal-massa! Imbagħad il-Prim Ministru jiġi jgħidilna li għalissa din mhijiex prijorità.

Kif nafu, dan l-aħħar kellna konferenza tas-SiGMA u l-Ministru qalilna li tgħallmu minn dak li ġara ħażin. Qalilna li darb'oħra jgħidu lid-delegati jmorru aktar tard għall-konferenza! Qisu l-Ministru ttieħed jidhirli mis-CEO ta' Transport Malta li qalilna biex immorru tard għax-xogħol u għall-appuntamenti! Possibbli l-Ministru qed jittieħed mill-affarijiet ħżiena li jgħid ħaddieħor? Hawn qed jurini li ma tgħallem assolutament xejn! Dik x'soluzzjoni hi li tgħid lid-delegati jmorru tard? Is-soluzzjoni hija t-trasport tal-massa. Din hija xi ħaġa li l-Gvern irid idaħħalha f'moħħu darba għal dejjem.

Il-Gvern irid jifhem li jekk f'dan il-pajjiż mhux se mmorru għal din is-soluzzjoni, issa jekk hux metro jew trasport fuq l-art - dik hija xi ħaġa li nistgħu niddiskutuha - dan il-pajjiż mhux se jkollu tkabbir ekonomiku. Dan il-pajjiż se jkollu l-familji tiegħu ddestinati li jeħlu fit-traffiku u f'toroq mimlijin bin-nugrufun. F'dan il-pajjiż se jibqa' jkollna investituri li jgħidulna li mhux se jkabbru n-negozju tagħhom u investituri barranin li jgħidulna li mhux se jinvestu f'Malta minħabba l-iġġammjar tat-traffiku. Dan huwa l-impatt kbir li qed jinħass illum u fiż-żmien li ġej minħabba n-nuqqas ta' viżjoni politika li l-Gvern għandu għal dan is-settur.

Sur President, hawn toħroġ id-differenza ċara bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra. Ħaddieħor lest jipposponi. Ħaddieħor għadu ma rrealizzax li bit-trasport tal-massa pajjiżna jista' jkun ħafna aħjar, jista' jkollna aktar arja nadifa għax ikollna inqas karozzi fit-toroq tagħna, nistgħu naslu aktar fil-ħin, nistgħu flok qadja nagħmlu tnejn f'ġurnata, nistgħu ngħixu ħajja aħjar b'inqas tniġġis, u nistgħu nattiraw aktar turisti u aktar investiment. Nistgħu nnaqqsu l-ispejjeż għas-self-employed,

għall-SMEs u għal min iħaddem f'pajjiżna u nkabbru l-ekonomija għaliex nżidu l-effiċjenza. Dan huwa Gvern li f'dan is-settur falla bi kbir. Illum għandna falliment totali! Għalhekk pajjiżna għandu bżonn bidla fid-direzzjoni tiegħu. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, nixtieq nibda dan id-diskors billi nirringrazzja lis-Sur Ivan Sammut li se jkun qed jitlaq mill-pożizzjoni tiegħu ta' Registrar General of Shipping and Seamen u se jieħu l-post prestiġjuż mal-International Maritime Organization (IMO). F'isem din il-Kamra nawguralu minn qalbi u ngħidlu li kburin b'dak li għamel. Nieħu l-opportunità wkoll li nifraħ lil Dr Ivan Tabone li se jibda jservi bħala Registrar General of Shipping and Seamen. M'għandi ebda dubju li se jkun qiegħed jagħmel ħiltu kollha biex inkomplu ntejbu l-bandiera ta' pajjiżna.

Dan id-diskors fuq il-marittimu huwa wieħed mill-aktar diskorsi li nieħu pjaċir nagħmel minħabba l-fatt li hawn qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra fuq fejn irridu nieħdu lil dan is-settur. Dan għaliex kemm jien kif ukoll il-Ministru nitkellmu mal-istess nies, li qed jgħidulna l-istess affarijiet u għalhekk huwa faċli li naslu għal direzzjoni komuni. Din is-sena fil-konferenza tal-EY ħareġ, għat-tielet sena konsekuttiva kemm ilni nsegwi dan is-settur, li l-marittimu huwa fost l-aktar setturi importanti għal pajjiżna u hemm lok ta' aktar tkabbir. Dan jurina biċ-ċar kemm dan huwa settur importanti għal pajjiżna. Fil-fatt, qabeż setturi oħrajn bħal dawk tal-IT, il-kostruzzjoni, real estate, pharmaceutical asset management, banking, digital media u gaming.

Daqshekk huwa kbir u għandu potenzjal dan is-settur! Hawn nieħu l-opportunità biex nirringrazzja mhux biss lill-ħaddiema li jaħdmu fiċ-Ċivil u fis-Settur Pubbliku, imma anke lill-investituri privati u l-ħaddiema fis-settur privat li bis-saħħa tagħhom qed niksbu dawn ir-riżultati. Is-settur marittimu jiġbor fih bosta oqsma differenti, bħal yachting, refits, bunkering, cruiseline industry, registration, shipping and shipping agents, marinas, towing operations, maritime education u surveyors, fost oħrajn. Kif għedt, hemm ftehim bejn iż-żewġ naħat li naraw dan is-settur jevolvi, però dan ma jfissirx li m'hemmx lok biex intejbu. Jien nemmen li għadna nibdew minn isfel nett. Għandna bżonn ta' bażi soda fi Transport Malta, inkella ngħidu x'ngħidu u nagħmlu x'nagħmlu, ma jkun jiswa xejn.

Huwa essenzjali li l-ħaddiema jieħdu dak li ħaqqhom. Għandna ħaddiema f'dan is-settur li huma dedikati ħafna. Għalhekk ma jistax ikun li jkollok ftehim kollettiv li l-grad ta' persuna li qed taħdem fil-marittimu u l-grad ta' persuna oħra li mhux qed taħdem fis-settur marittimu jkunu fl-istess skala, meta xogħolhom huwa kompletament differenti. Irridu naqilgħu l-marittimu minn ma' Transport Malta u nibnu bażi soda. Neħtieġu aktar nies tekniċi u li jifhmu fis-settur, kif ukoll aktar investiment. Din hija forsi waħda mill-ftit punti li jien u l-Ministru ma naqblux dwarhom. Jien nixtieq nerġa' nara l-Malta Maritime Authority (MMA), waqt li l-Ministru għandu ideat differenti ta' rebranding. Min-naħa tiegħi nemmen li l-marittimu jrid ikollu a stand alone authority biex naraw li dan is-settur jilħaq il-potenzjal tiegħu.

Bħalissa fil-marittimu, kif semmejt ilbieraħ, hemm is-sitwazzjoni tal-Emissions Trading Systems (ETS) u l-Carbon Pricing Mechanism. Dan ġej fuqna 39 ġurnata oħra jekk ma jirnexxilniex inbiddlu l-ħsieb tal-Unjoni Ewropea. Jalla nagħmlu dan għaliex id-diżastru li din id-Direttiva se toħloq fil-marittimu huwa enormi. Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-Ministru li qed iżommna informati f'dan ir-rigward. Minħabba li din hija issue nazzjonali kont tlabtu li jżomm lill-Oppożizzjoni informata b'dak li qiegħed iseħħ u kull pass li qed jieħu l-Gvern. Nemmen li għall-ġid tan-nazzjon u għall-ġid tas-settur huwa importanti li niġbdu l-istess ħabel. Naħseb ikun għaqli li jkollna diġà s-soluzzjonijiet għal dak li se jiġri mill-1 ta' Jannar, 2024. Ilbieraħ il-Ministru għall-Ekonomija qalilna li hemm xi kumitat konġunt bejn il-Ministeri tal-Ambjent, tal-Ekonomija u tat-Trasport, però jekk qed naħsbu fis-soluzzjonijiet issa, nibża' li huwa tard wisq.

Nixtieq nara, u se nkun qed naħdem min-naħa tal-Oppożizzjoni biex ikollna, policy nazzjonali għall-blue economy. Naħseb li dan hu dak li jrid is-settur, li qed jistenna gwida ta' fejn irridu mmorru, fejn jeħtieġ li jsir investiment u fejn neħtieġu speċjalizzazzjoni. Nemmen li għalkemm kull pilastru f'dan is-settur huwa importanti ħafna, irid ikun hemm xi ħaġa partikolari li bħala pajjiż neċċellaw fiha. Jekk

naghtu gwida ta' politika ħolistika nazzjonali dwar il-marittimu, nistgħu naslu għal dan. Dan is-settur huwa enormi u ma hemm l-ebda limitu fejn nistgħu neħduh. Bħala pajjiż marittimu u bl-esperjenza kollha li għandna, nistgħu niksbu ħafna iżjed suċċessi f'dan is-settur.

Niġi biex nitkellem dwar is-surveyors, Sur President. Hawnhekk għandna opportunità biex naraw l-istandards jogħlew u b'hekk ngħinu lill-bandiera tagħna. Minħabba dak li qed iseħħ bħalissa, il-bandiera Maltija, għalkemm tikkontribwixxi €25 miljun fl-ekonomija ta' pajjiżna, ħadet tisbita. Għalhekk għandna d-dover li nerġgħu ngħolluha fil-post li verament jixirqilha. Irridu naraw li nagħmlu l-investiment meħtieġ biex pajjiżna jerġa' jkun l-għażla fejn shipowners jirreġistraw il-vapuri tagħhom.

Insemmi l-bunkering, fejn għandna opportunità, imma nħoss li tlifnieha għalkollox. Għandna sitwazzjoni fejn hemm transition of fuels tal-LNG minħabba d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea, fejn kompletament qed naqgħu lura. Meta dan il-Parlament tkellem dwar it-tkabbir taż-żona ekonomika, jien ħsibt li se nkun qed nara leġiżlazzjoni dwar fuels differenti, għaliex hawn interess kbir mill-Foreign Direct Investment (FDIs) biex jinvestu f'pajjiżna. Dan anke minħabba l-pożizzjoni ta' pajjiżna, fejn qisna pompa tal-petrol f'nofs highway enormi. Allura għaliex m'għandniex nutilizzaw dan il-benefiċċju biex inkabbru dan is-settur?

Bħala pajjiż nistgħu nagħmlu riċerka għall-biofuels, fuels sintetiċi u fuels oħrajn tal-futur li l-bastimenti ta' għada se jkunu qegħdin joperaw bihom. Għalhekk kont nistenna li ssir leġiżlazzjoni għal dawk l-investituri li jixtiequ jinvestu f'pajjiżna. Jien kelli l-opportunità li nitkellem ma' wħud minnhom u dawn jgħidulek li jixtiequ jinvestu f'pajjiżna, però jridu jkunu jafu x'inhu mistenni minnhom, x'inhuma r-rakkmandazzjonijiet tal-pajjiż u x'inhuma l-limiti qabel jagħmlu dan il-pass 'il quddiem. Naħseb li hemm bżonn inħarsu lejn dan il-pilastru għaliex dan jista' jkun il-pass li jmiss għas-settur marittimu f'pajjiżna.

Jekk inħarsu lejn ix-shipping, sfortunatament, hemm l-iżvantaġġi minħabba l-ETS. Li jkollna cargo dieħel il-Freeport li jiddeċiedi li ma jidħolx minħabba taxxa imposta fuqna mill-Unjoni Ewropea hija diżastru. Li pajjiżna jitlef 2% tal-Prodott Domestiku Gross (GDP) huwa inkwetanti ħafna. Għalhekk inħeġġeġ il-Gvern biex bl-involviment tal-Oppożizzjoni naraw li nsibu soluzzjoni flimkien.

Niġi issa għar-refits, Sur President. Kif diġà għedt, nemmen li għandu jkollna pilastru speċjalizzat li nkunu magħrufin għalih. Irridu nkunu dak il-pajjiż fejn jekk wieħed għandu problema, jaf li f'pajjiżna hemm shipyard speċjalizzata. Din tista' tkun opportunità għal Malta. Bit-transition tal-fuels għandna opportunità li nkunu dak il-pajjiż fejn yachts, superyachts u vapuri jiġu u, pereżempju, jinstallaw l-iscrubbers jew magni li jaħdmu bi fuels alternattivi, bħal dak tal-LNG. Però ovvjament hemm bżonn gwida min-naħa tal-Gvern. Huwa għalhekk li semmejt l-importanza ta' pjan nazzjonali ħolistiku għal dan is-settur.

Jekk jidħol ix-xogħol fil-qasam marittimu, nemmen li rridu nagħmlu ħafna iżjed sforzi. Għandna żewġ istituzzjonijiet marittimi fejn iż-żgħażagħ jistgħu jitgħallmu, però rridu nagħrfu li hemm skills gap enormi fost il-ħaddiema li għandna bżonn fis-settur kollu. Għalhekk mhux biss irridu nagħrfu dan l-iskills gap, imma rridu nantiċipaw minn qabel il-ħiliet li se jkollna bżonn fil-futur. Ħaġa li verament qed iddejjaqni hija li għandna l-MCAST, fejn tara li ħafna żgħażagħ jibdew jistudjaw hemmhekk, imma mbagħad jispiċċaw imorru f'istituzzjoni privata.

Apparti dan, qed jiġu fuqi studenti u jgħiduli li qed jistudjaw f'istituzzjoni li hija reġistrata, però mhumiex qed jieħdu stipendju. Din hija xi ħaġa li ma nistax nifhimha. Jekk għandna bżonn ħaddiema mħarrġa f'dan is-settur, kif jista' jkun li qegħdin niċħdulhom l-istipendju bħalma jieħdu sħabhom stess li qed jitgħallmu l-istess suġġetti f'post ieħor. Inħoss li din is-sitwazzjoni trid tiġi rimedjata mill-aktar fis possibbli.

Fir-rigward tal-yachting, ilbieraħ kelli l-privileġġ inkun mistieden mill-Ministru stess għat-tnedija tan-National Yachting Policy. Irrid nirringrazzja lill-Yachting Steering Committee tax-xogħol li għamlu fuq dan id-dokument. Jekk nista' nagħmel kritika żgħira, ikun tajjeb li l-economic impact assessment isir qabel u mhux wara li noħorġu d-dokument. B'hekk ikollna dokument aktar dettaljat dwar fejn irridu nieħdu lil dan is-settur. Din l-industrija tal-yachting u super yachting tiddependi fuq il-lokalizzazzjoni tal-infrastruttura. Għalhekk nixtieq nifhem aħjar xi studji jew x'dokumenti għandna dwar fejn

nistgħu nagħmlu dawn il-yachts. Li jkollok yachting policy huwa tajjeb, imma li jkollok infrastruttura għal dawn il-yachts huwa essenzjali. Skont studju li għamilna f'pajjiżna ħareġ li m'għandniex biżżejjed postijiet ta' rmiġġ fejn jorbtu d-dgħajjes. Hawn post biss għal 10% ta' dawk li huma reġistrati. Dan ifisser li għandna problema kbira.

Sur President, niġi issa biex nitkellem dwar il-Grand Harbour Regeneration. F'Ras Ħanżir għaddej proġett, però nistgħu nagħmlu iżjed. Nistgħu nagħmlu rampa tar-RoRo alternattiv, għax dan il-pajjiż kulma għandu hija rampa tar-RoRo waħda. Il-merkanzija kollha li tiġi f'pajjiżna tidħol ġo rampa waħda u allura jekk, allaħares qatt, jiġri xi ħaġa f'dik ir-rampa, se niġu lampa stampa. Għalhekk jekk dak it-tip ta' investiment ikun immirat għal skopijiet differenti jkun jista' jintuża għal dan il-għan ukoll.

Nagħlaq bid-diġitalizzazzjoni tas-settur, li hija essenzjali. Din is-sena ġew ivvotati €100,000 mill-fondi pubbliċi u €279,000 mill-fondi tal-Unjoni Ewropea għal dan il-għan. Ilna nitkellmu fuq id-diġitalizzazzjoni għal snin twal u huwa essenzjali li dan sa fl-aħħar isir, għax huwa meħtieġ biex nieħdu lil dan il-pajjiż 'il quddiem u anke biex nidhru bħala pajjiż aktar avvanzat. S'issa għadna qegħdin inkarkru saqajna.

Nixtieq insemmi wkoll l-infurzar minn Transport Malta, b'mod speċjali lil dawk il-ħaddiema tal-infurzar li jaħdmu fuq l-ibħra tagħna. Rajna l-iskandlu tar-RHIBs li għadhom imsakkrin. Kien hemm skandlu fil-ħruġ tat-tender u, sfortunatament, għadu ma ġara xejn fir-rigward. Għall-inqas għadna ma smajna xejn fuqu.

Sur President, fl-aħħar irrid nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu f'dan is-settur. Inħeġġiġhom biex ikomplu bil-ħidma tagħhom u nwegħedhom li dejjem se jsibu lill-Oppożizzjoni warajhom u ta' spalla ħalli jibqgħu jagħmlu l-ġid lil pajjiżna. Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, fil-ħin li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi nixtieq nagħmel ftit rimarki dwar l-estimi ta' dan il-Ministeru. L-ewwel nett, bħalma nagħmel f'kull diskors, nixtieq nibda billi nirringrazzja lid-diversi ħaddiema, kemm tal-id, kif ukoll dawk klerikali, maniġerjali u professjonisti li jaħdmu f'diversi dipartimenti, awtoritajiet u aġenziji li jaqgħu taħt dan id-dekasteru.

Qabel l-elezzjoni kellna Gvern Laburista li nefaq xejn inqas minn €2 miljun fi studju għal proposta ta' trasport għall-massa. Dan barra t-tnedija tal-proposta tal-metro, li damet madwar siegħa u swiet xejn inqas minn €500,000 f'direct order lil kumpanija. Bil-permess, se nkun qiegħed inpoġġi mistoqsija parlamentari li għamilt f'dan ir-rigward u li turi l-ispejjeż fenomenali għal preżentazzjoni ta' siegħa.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Mistoqsija Parlamentari 1116 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Malta Metro – direct orders' magħmula mill-Onor. Toni Bezzina u mwieġba mill-Onor. Aaron Farrugia, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali f'Seduta 22 tas-27 ta' Ġunju 2022.

Apparti dan, intnefqu wkoll mijiet ta' miljuni f'junctions u toroq ġodda. Imbagħad ikollna laqgħa internazzjonali ta' esperti organizzata f'Malta l-ġimgħa li għaddiet li rnexxielha tistagħna pajjiż u mbagħad tisma' lill-Ministru Aaron Farrugia lbieraħ joħroġ b'waħda ġdida! Wara li għamel sena jipprova jbellagħha lill-poplu Malti u Għawdxi li t-traffiku mhux tort tiegħu, iżda tort tal-festi u ta' min jorganizzahom, issa qed jipprova jbellagħhielna li għadu qed jistudja mudelli ekonomiċi kif jiffinanzja l-metro. Bħallikieku għadu ma ndunax li l-mudell ekonomiku kif jiġi ffinanzjat il-metro kien parti mir-rapport li ffinanzja l-Gvern tiegħu stess!

Din mhi xejn ħlief prova oħra li, sfortunatament, għandna Ministru li lanqas biss jaf x'fihom ir-rapporti li ġew ikkummissjonati mill-Ministeru tiegħu stess, aħseb u ara kemm għandu soluzzjoni biex isolvi l-problema tat-traffiku f'pajjiżna. L-istess rapport li kien ikkummissjona l-Gvern ftit ġimgħat qabel l-elezzjoni, fl-ewwel paġna tiegħu jagħmel dikjarazzjoni li min għamlu mhux

responsabbli għar-rapport. Dan ifisser li l-Gvern ħallas €2 miljun għal rapport li lanqas jiswa ħaqq il-karta li nkiteb fuqha! Bil-permess, se nkun qiegħed inpoġġi silta minn dan ir-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tliet estratti mir-rapport dwar il-Metro.

Però agħar minn hekk, il-Ministru għadu ma ndunax li l-mudell ekonomiku biex jiffinanzja l-proġett tal-metro kien jifforma parti minn dan ir-rapport stess. Dan il-finanzjament kien se jiġi billi l-Gvern idaħħal taxxa ta' €3 kuljum għal kull karozza biex tipparkja fit-triq, taxxa addizzjonali għal-liċenzja tas-sewqan ta' €25 fis-sena, taxxa addizzjonali ta' €0.05 fil-litru fuq il-prezz tal-fuel, taxxa oħra ta' €40 kull metru kwadru, apparti t-tariffi li diġà hemm fuq kull żvilupp tal-bini, u taxxa addizzjonali oħra tal-boll. Però dawn it-taxxi lanqas kienu biżżejjed, għax bl-iskuża tal-metro, il-Gvern ippropona wkoll l-istupru ta' diversi artijiet verġni, fejn kien qed jagħmel proposta li jibni anke blokok ta' 22 sular, fosthom f'Buġibba, Mater Dei, Pembroke, il-Marsa Park and Ride u l-Marsa. Bil-permess se nkun qiegħed inpoġġi dokument li juri dawn il-proposti ta' żvilupp li kien qed jipprova jagħmel il-Gvern.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Estratti mir-rapport dwar il-Metro li juru ritratti u sketches ta' postijiet proposti fejn se jkun hemm l-istazzjonijiet tal-Metro.

Imbagħad il-Gvern spiċċa lanqas biss induna li fejn kien qed jipproponi d-depot tal-manutenzjoni tal-metro huwa l-istess sit fejn il-Gvern kien ippropona u llum għaddej ix-xogħol fuq it-trakka tal-karozzi. Dan joħroġ mid-dokument li għadni kif poġġejt fuq il-Mejda tal-Kamra. Però l-Partit Nazzjonalista għandu soluzzjoni fattibbli għall-problema ta' mobilità u konġestjoni tat-traffiku u dan billi jiġi introdott trasport tal-massa li ma jgħabbix lill-poplu tagħna b'taxxi ġodda u ma jiħux art pubblika għall-ispekulazzjoni tal-bini. Anzi, din l-art tista' tintuża bħala spazju miftuħ għar-rikreazzjoni tal-familji tagħna.

Il-proposta li kien għamel il-Partit Nazzjonalista hija għal sistema ta' trasport tal-massa li tikkombina l-karatteristiċi vantaġġjużi tat-trams mingħajr binarji u karozzi tal-linja li jaħdmu bl-elettriku, jgħaddu minn toroq arterjali u distributorji minn karreġġjati ddedikati apposta għalihom. Dan isir b'użu aħjar u aktar effiċjenti tal-ispazju li diġà hemm fit-toroq bi skedi preċiżi u ħinijiet qosra u fissi ta' vjaġġar li joffru ċertezza lil dawk kollha li jużawhom. Grazzi għall-korsija ddedikata, dawn it-trams mingħajr binarji u karozzi tal-linja ma jeħlux fit-traffiku, għax ma jsibux ostakli u b'hekk il-ħin tal-vjaġġ ikun dejjem l-istess.

Barra minn hekk, tiġi introdotta feeder system li tassigura li l-konnessjoni bejn iż-żoni residenzjali, employment hubs u ċentri oħra importanti kummerċjali jistgħu jkunu kkonnettjati ma' din is-sistema ta' trasport tal-massa. It-tipi ta' vetturi tal-feeder system ikunu determinati mill-kontest li fihom ikunu wżati u mill-patrunaġġ li jkollhom, imma l-fokus ikun dejjem fuq il-bżonnijiet tal-passiġġieri. B'hekk ikollna trasport pubbliku u trasport tal-massa li jilħaq aktar nies u li jkun alternattiva naturali għall-użu tal-karozza privata għax ikun servizz effettiv u affidabbli.

Peress li pajjiżna għandu bżonn soluzzjoni effettiva fl-iqsar żmien possibbli, din il-proposta hija l-aktar waħda vijabbli u għal diversi raġunijiet, fosthom li tista' tkun implimentata fi ftit xhur billi anke jiġu stabbiliti r-rotot, il-prijoritajiet, is-sinjali tat-toroq neċessarji u l-karreġġjati ddedikati għal trasport tal-massa. Imbagħad, wara 18-il xahar, jista' jibda r-roll-out permezz ta' karozzi tal-linja li għandna bħalissa. B'hekk, fi żmien ħames snin, ikollna s-sistema sħiħa li daħlet fis-seħħ u taħdem u mhux, sfortunatament, kif qed jipproponi l-Gvern, fejn qed jgħid li rridu mill-inqas 20 sena oħra fit-

traffiku biex ikollna sistema tat-trasport tal-massa li tkun taħdem!

Il-proposta li ppropona l-Partit Nazzjonalista qabel l-elezzjoni li għaddiet, l-ewwel nett, tkun tiswa inqas min-nofs l-ispiża tal-proposta tal-metro li ressaq il-Gvern fejn ikkalkula li tiġi tiswa madwar €6.2 biljun, barra li għandha madwar 20 sena biex tidħol fis-seħħ u kulma tilħaq huma 20 lokalità. Fil-proposta tal-Partit Nazzjonalista l-ispiża kapitali hija ta' madwar €2.8 biljun, l-ispiża rikorrenti biex taħdem hija ta' madwar €56 miljun fis-sena, is-sistema tilħaq 48 lokalità, tkun lesta fi żmien ħames snin, tikkonsisti f'sitt linji ċirkolari li jwasslu miċ-Ċirkewwa sa Birżebbuġa, tinkorpora disa' hubs li jkunu jikkonsistu f'parkeġġ għall-karozzi taħt l-art, spazji ħodor miftuħa fil-livell tat-triq u faċilitajiet oħra għall-użu tal-pubbliku, 13-il interchange u 25 stop għal total ta' 47 waqfa mifruxin madwar Malta tul ta' 173 kilometru ta' rotot.

Din is-sistema tkun ikkomplementata b'sistema ta' feeder lines li jwasslu n-nies mill-qalba tal-irħula u l-ibliet għall-hubs u interchanges. B'hekk tikber il-firxa ta' nies li jistgħu jinqdew b'din is-sistema. Hawn ma vvintajniex ir-rota, imma din hija sistema simili li tintuża f'diversi pajjiżi, f'aktar minn 200 belt madwar id-dinja, inkluż l-Istati Uniti, l-Amerika Latina, iċ-Ċina, l-Awstralja, ħafna partijiet mill-Asja, l-Afrika u l-Ewropa inkluż l-Italja, ir-Renju Unit u Franza. Il-ħtieġa ta' karreġġjati ddedikati għat-trasport tal-massa hija sostnuta mir-rapporti kollha li saru f'Malta stess mis-snin 90 sal-lum fl-istrateġija tat-trasport ta' Malta tal-2025 sal-2050 u diversi rapporti li saru dwar it-trasport tal-massa f'Malta kkummissjonati mill-Gvern jew minn Transport Malta.

Nagħlaq billi ngħid li l-Gvern kien qed jipproponi sistema ġdida ta' trasport tal-massa, imma, sfortunatament, għadda ħafna żmien u għadu ma wasalx għaliha. Min-naħa l-oħra, il-Partit Nazzjonalista qed jipproponi sistema li taħdem bl-aħħar teknoloġija li ġiet ipprovata u ttestjata f'diversi pajjiżi. Għalhekk issa f'idejna li nkunu innovattivi u minn ta' quddiem biex nagħtu l-aħjar soluzzjoni lill-poplu Malti sabiex tissolva l-problema tat-traffiku f'pajjiżna darba għal dejjem.

Sur President, nitlob il-permess biex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn id-dokumenti.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Estratt mir-rapport dwar il-Metro - Feasibility Study; u
>
> Mappa ta' Malta bir-rotot għat-tram kif propost mill-Partit Nazzjonalista.

Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni. Issa l-ħin kollu li fadal huwa għan-naħa tal-Gvern. Infakkar li l-Oppożizzjoni ħadet tliet minuti aktar mill-ħin, li jingħaqad mal-ħin tal-Gvern. Rimarki? Il-Ministru Aaron Farrugia.

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Sur President, dan huwa Gvern Laburista li ressaq għal darb'oħra baġit għal Malta Ġusta. Huwa t-tieni Baġit minn ħamsa li jtaffi l-piżijiet tal-inflazzjoni u tal-prezzijiet tal-enerġija minn fuq il-poplu Malti u Għawdxi permezz ta' miżuri bla preċedent li jkomplu jgħinu f'dan iż-żmien diffiċli għal kulħadd. Il-Gvern qed jinvesti rekord ta' €1 kuljum għall-prezzijiet tal-enerġija u tal-fuels biex nagħtu stabilità lill-familji u lin-negozji.

Dan huwa Baġit li jagħti din l-istabilità fuq mudell ekonomiku li jiffoka fuq il-kwalità u mhux fuq il-kwantità. Dan kien Baġit li ddiskuta tema wara l-oħra biex jeħodna f'din id-direzzjoni. Kien Baġit li ffoka fuq il-mobilità soċjali fejn int min int u ġej minn fejn ġej tista' tasal. Dak huwa l-pern tal-ideoloġija progressiva u soċjal-demokratika li nħaddnu fil-ħidma tagħna ta' kuljum.

Dan huwa Baġit li jagħtik it-tama, il-miżuri u l-azzjonijiet, 'il bogħod minn dak li smajna fis-siegħa u nofs li għaddew mill-Oppożizzjoni fejn kellna negattività, inkonsistenza, dwejjaq u qtigħ il-qalb bħal kif smajna fil-ġranet l-oħra li ppreċedew. Jiddispjaċini ngħid li ma smajna l-ebda proposta u tama mill-Oppożizzjoni. Kelliem minnhom qalilna li madwari għandi l-konsulenti

biex jiġu bis-soluzzjonijiet. Soluzzjonijiet għandna ħemel u se jkolli ċans nitkellem dwarhom fil-ħin li ġej, imma tajjeb ngħid li l-Oppożizzjoni għandha madwar tlieta jew erba' kelliema li huma l-kelliema għal dan il-Ministeru, li huma l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Ivan Castillo u jidhirli anke l-Onor. Toni Bezzina li jixtieq jibqa' f'dan il-portafoll. Għalija mhux problema, jiddiskuti dak mal-Kap tal-Oppożizzjoni.

Dan il-Gvern għandu l-enerġija, l-għatx għall-bidla, kif ukoll il-kompetenza li jkompli jieħu l-pajjiżna 'l quddiem. Dan huwa dak li l-poplu Malti jistenna minna fejn irridu nkomplu navvanzaw lil pajjiżna jum wara jum. Ilkoll naqblu li ma nistgħux naspiraw għal Malta aħjar, li jkollna investiment b'valur miżjud u li jkollna turisti ta' kwalità mingħajr infrastruttura li tikkompeti mal-aqwa bliet f'reġjuni u pajjiżi Ewropej u tad-dinja. Għalhekk komplejna noffru s-soluzzjonijiet għall-isfidi li għandna llum u li se jkollna għada, imma wkoll tajna viżjoni għall-għaxar snin li ġejjin u lil hinn. Dan huwa investiment li ħaddieħor seta' biss joħlom, u se nispjega għalfejn. Qed inkomplu nibnu fuq il-proġetti kapitali wieħed wara l-ieħor biex inkompu ntaffu l-isfida tat-traffiku li ilha magħna f'dan il-pajjiż għal ħafna u ħafna snin.

Nibda billi nsemmi l-ewwel proġett, Sur President. Ħarsu lejn il-flyovers ta' Ħal Kirkop u ta' Ħal Luqa li taffew bil-fatti t-trafifku qawwi li kien jaħkem dawk in-naħat. Nistieden lill-kollegi tal-Oppożizzjoni biex jitkellmu man-nies u jmorru jħabbtu l-bibien tar-residenti taż-Żurrieq, Ħal Safi, Ħal Kirkop, il-Gudja u l-Qrendi ħa jgħidulhom huma stess kemm kienu jeħlu fit-trafific lights u fir-roundabouts f'dik iż-żona. Nistedinhom jitkellmu wkoll man-nies li kienu jmorru l-ajruport u jitilfu l-ajruplan u man-nies li jaħdmu l-Freeport. Importanti li jitkellmu man-nies għax jekk jibqgħu msakkrin hemm ġew mhux se jkunu jafu x'inhi l-verità hemm barra.

Dan huwa proġett li jmiss ma' dak li jagħmlu n-nies kuljum. Fil-fatt komplejna naħdmu fuq il-modal shift li pajjiżna qed jipprova jagħmel jum wara l-ieħor. Dak hu li għamel dak il-proġett li jagħti aċċessibbiltà għall-modi diversi ta' trasport, fosthom dak pubbliku, bir-roti jew bil-mixi biex jikkomplementa din il-viżjoni li pajjiżna għandu.

Qed nagħmlu bosta investimenti li fil-ħin li ġej se nsemmi ħafna minnhom. Dawn mhux paroli jew posts fuq *Facebook*, imma investimenti tanġibbli li tista' tmisshom b'idejk u tarahom b'għajnejk. Qed noffru trasport pubbliku b'xejn għal kulħadd. Malta hija t-tieni pajjiż fl-Unjoni Ewropea wara l-Lussemburgu li qed toffri trasport pubbliku b'xejn għal kulħadd. Bdejna miż-żgħażagħ, komplejna bl-anzjani u f'Ottubru tas-sena l-oħra daħħalna trasport pubbliku b'xejn għal kulħadd, liema miżura hija ta' fejda għal kulħadd. Qed nagħmlu investiment bla preċedent biex indaħħlu karozzi tal-linja elettriċi li ma jħammġux, inkluż mal-flotta tal-karozzi tiegħi, tiegħek u ta' ħaddieħor.

L-infrastruttura trid tkun waħda li tiflaħ għat-tkabbir ekonomiku bla preċedent li qegħdin naraw kuljum u li ilna naraw għal dawn l-aħħar għaxar snin. Qed ngħid dan għax dan huwa l-konċett kollu li l-Oppożizzjoni għadha ma fehmitx. Jekk ma toħloqx il-ġid, m'għandekx xi tqassam għall-pensjonanti, għall-istudenti, għall-familji u għan-negozji. Għalhekk il-konċett kollu ekonomiku ta' baġit huwa li toħloq il-ġid biex dak il-ġid jitqassam mas-saffi kollha tas-soċjetà. L-ekonomija se tkompli tikber taħt dan il-Gvern Laburista. Dan mhux jien qed ngħidu jew il-Prim Ministru imma qed tgħidu l-Kummissjoni Ewropea fit-tbassir tagħha li se jerġa' jkollna fost l-ikbar ekonomiji fl-Unjoni Ewropea. L-istess l-aġenziji ta' kreditu internazzjonali li qed jgħidulna li l-ekonomija Maltija se tkompli taċċellera u tikber.

Hawn toħroġ id-differenza fundamentali bejn iż-żewġ naħat. Filwaqt li din in-naħa saqajna fuq l-aċċelleratur biex inkomplu nkabbru l-ekonomija b'mod sostenibbli u tajjeb, l-Oppożizzjoni trid teħodna lura għall-GonziPN u għall-ekonomija tal-2012 li lkoll niftakruha. Dakinhar kelli 22 sena u niftakar l-ammont ta' nies li kienu jmorru jirreġistraw kuljum. Fejn issibhom illum? Illum, fejn tara n-nies jirreġistraw? Illum ix-xogħol jiġri wara n-nies u mhux in-nies jiġru wara x-xogħol. Però l-Oppożizzjoni tixtieq teħodna f'mudell ekonomiku bħal ta' dak iż-żmien. Fi ftit kliem, qegħdin jgħidu li l-ekonomija tiċkien u nerġgħu mmorru għal dawk iż-żmenijiet, fejn kellna l-ogħla livell ta' qgħad u konna fuq l-istess livell ta' ekonomiji foqra fl-Unjoni Ewropea. Dak kien li tawna qabel l-2013.

Ħa nagħti eżempju sabiex dawk li qegħdin isegwuna jifhmuni aħjar. Dan qisek għandek

ġenituri li jafu li din is-sena xtraw uniformi għat-tifel għax ħareġ minn dik tas-sena l-oħra u jafu, bla dubju, li s-sena d-dieħla se jkollhom jerġgħu jixtrulu uniformi ġdida għax it-tifel se jkompli jikber. L-Oppożizzjoni minflok tagħmel bħal dawk il-ġenituri u tixtri uniformi oħra lit-tifel, qed titlob lit-tifel biex ma jibqax jikber u jitwal! Din hija l-assurdità tal-mudell ekonomiku li qegħdin jagħtuna! Fallew mit-test bażiku tagħhom għal sena oħra konsekuttiva. Siegħa u nofs fejn inħlew għal darb'oħra f'affarijiet li l-poplu Malti ma jistax jifhem.

Iridu jerġgħu jieħdu l-ekonomija lura għal dak iż-żmien billi mhux biss il-barrani jitlef xogħlu imma anke l-Malti u jkollu jmur iħabbat il-bibien tar-reġistrar għax-xogħol biex isib xogħol ieħor. Hawn wieħed jistaqsi: X'inhu l-mudell ekonomiku li trid l-Oppożizzjoni? Jitkellmu dwar ħaddiema barranin u n-nies jistaqsukom: Liema ħaddiema barranin qegħdin titkellmu dwarhom? Huma dawk il-carers li jieħdu ħsieb l-anzjani? Huma dawk li jaħdmu fil-lukandi u fir-ristoranti? Huma dawk li jaħdmu fl-isptarijiet? Huma dawk li jaħdmu fl-industrija tal-kostruzzjoni? In-negozjant jixtieq ikun jaf x'se jagħmlu jekk ikunu huma fil-gvern.

Illum min iħaddem jibkilna għall-ħaddiema, aħseb u ara x'se jiġri jekk xi darba jkun hemm il-Partit Nazzjonalista fil-gvern. Se jneħħu l-ħaddiema li jġibulna l-ikel wara biebna wara ħames minuti? In-nies iridu viżjoni u l-verità. Però l-Oppożizzjoni m'għandhiex pjan. Dik hija l-verità! Il-pjan huwa wieħed, dak li probabbilment ifallu nofs il-ħwienet, in-negozji u l-industriji biex imbagħad jgħidu li f'Malta m'hawnx xogħol u allura l-ħaddiem jitlaq. Probabbilment ikollna madwar 8,000 persuna li jmorru jirreġistraw għax-xogħol kif kien jiġri fl-2012, iswed fuq l-abjad.

X'differenza minn dan il-Gvern, fejn qed inkomplu ninvestu f'baġit ieħor ta' Gvern Laburista. Qed inkomplu ndaħħlu miżuri bl-ogħla standards li jippreparawna għall-ekonomiji tal-lum u ta' għada. Lesti għall-isfidi u mhux naqtgħu qalbna. M'għandniex qtigħ il-qalb, imma qed nippreparaw għall-isfidi, għax, iva, sfidi ġejjin imma aħna ikbar minnhom. Dak li jagħmilna differenti minn xulxin! Qed insaħħu l-konnettività, insaħħu t-trasport alternattiv, insaħħu l-mobilità alternattiva u nnaqqsu l-emissjonijiet kif, wara kollox, jistenna l-poplu Malti u Għawdxi. Nerġa' ngħid, sfidi ġejjin, imma l-ekonomija, iridu u ma jridux, se nkomplu nkabbruha u se nkunu lesti u ppreparati biex nilqgħu għaliha, anke mil-lat ta' infrastruttura u trasport.

Niġi issa biex nitkellem dwar Infrastrucutre Malta, li hija simbolu ta' reżiljenza li kellna fil-pajjiż fl-aħħar snin. Din l-aġenzija kompliet tagħtina ħemel ta' proġetti infrastrutturali u proġetti kapitali, wieħed wara l-ieħor, li lin-naħa l-oħra qatgħulhom nifishom, tant li ma jistgħux ilaħħqu magħhom, għax lanqas biss kienu joħolmuhom, aħseb u ara kemm jagħmluhom. L-Onor. Ryan Callus qal li x-xemx ma telgħetx fl-2013 u naqbel miegħu, imma l-patafjun ta' proġetti li se nsemmi telgħu wara l-2013 u saru taħt Gvern Laburista.

Kellna Triq il-Kosta, il-Kappara Junction, is-Central Link, Triq Buqana, il-Marsa/Ħamrun bypass, Triq Ħal Qormi, Triq San Tumas, High Ridge, St Andrew's area, Regional Road, Kirkop tunnels u l-airport intersection, il-Luqa Junction, Santa Luċija underpass, Marsa Junction project, l-Imrieħel Underpass, Triq Għeriexem u Siġġiewi/Żebbuġ Junction li semmewha n-naħa l-oħra wkoll. Bħala Gvern ġibna d-doppju ta' fondi Ewropej minn dawk li ġabu huma. (Interruzzjonijiet) Ħallejniehom bla nifs u hekk se nkomplu nħalluhom! Mhux bil-paroli, posts u likes fuq *Facebook*, imma bi proġetti li n-naħa l-oħra lanqas biss kienet toħlomhom.

Issa għandhom iċapċpu, Sur President! Tafu kemm kienu jonfqu medja kull sena fi żmienhom fl-infrastruttura? Il-poplu Malti jaf għax kien jara dan b'għajnejh. Filwaqt li Gvern Laburista, bir-raġun, kif qal l-Onor. Callus, kien qed jinvesti madwar €100 miljun fis-sena fi proġetti u kien hemm snin fejn anke missejna l-€158 miljun fis-sena, fiż-żmien tal-glorja ta' gvernijiet Nazzjonalisti kienu jonfqu medja ta' €11-il miljun biss minn fondi nazzjonali. Hemm issa ċ-ċapċip! Mal-€100 miljun illum ikkomparat mal-€11-il miljun li kienu jonfqu huma. (Interruzzjonijiet)

Ħa nagħti daqsxejn figuri, għax qed nara lill-Onor. Bezzina jitbaqbaq u naħseb li għandu bżonn aktar numri! Fl-2010 Gvern Nazzjonalista nefaq €11.7 miljun, fl-2011 €13-il miljun u fl-2012 €10.6 miljun. Naf li dawn in-numri jweġġgħuhom, imma bħala Gvern se nkomplu għaddejjin b'aktar proġetti. Dik hija d-differenza bejn iż-żewġ naħat. Aktar proġetti u investimenti,

mhux bil-kliem imma bil-fatti biex noħolqu aktar ġid li jitqassam mas-saffi kollha tas-soċjetà.

Il-poplu Malti tajjeb li jkun jaf li jekk ikun hemm Gvern Nazzjonalista fiż-żmien li ġej, dan se jkun qed ineħħi Infrastructure Malta, għax din l-aġenzija mhux se jkollha x'tagħmel. Se jżarmaw Infrastructure Malta! Imbagħad ninsew il-flyovers, il-junctions, l-underpasses u nitwikkew b'€10 miljuni li kienu jagħtuna fil-baġit tagħhom! Taf x'jagħtuk €10 mljun? €10 miljun jagħtuk madwar 5.5 kilometri ta' asfalt fis-sena meta aħna qed nagħmlu madwar 60 kilometru. Dik hija d-differenza fundamentali bejn Gvern u ieħor! (Interruzzjonijiet) Lill-Onor. Bezzina ngħidlu li mhux se nħalluhom jeħduna lura għal żmien il-ħaġar!

Niġi issa għall-infrastruttura marittima. Il-missjoni ta' Infrastructure Malta hija ffokata ħafna fuq l-art, imma hija ffokata wkoll fuq il-baħar, jiġifieri l-marittimu. Nista' nsemmi mill-ewwel ix-xogħol li Infrastructure Malta qed tagħmel madwar il-kosta. Naqbel ħafna mal-Onor. Ivan Castillo li l-marittimu huwa mutur ekonomiku li kien b'saħħtu, għadu b'saħħtu u se jkompli jissaħħaħ jum wara l-ieħor. Se nkomplu ninvestu fl-infrastruttura marittima, fil-portijiet u fil-bandiera tagħna li tagħtina madwar €25 miljun fis-sena. B'hekk se nkomplu nagħfsu l-aċċelleratur ta' pajjiżna f'dak li għandu x'jaqsam mal-proġetti kapitali. Qed nagħmlu ħemel ta' proġetti u investimenti kbar. Insemmi wieħed li huwa x-shore-to-ship ta' madwar €50 miljun, liema proġett se jagħtina l-faċilità li nnaqqsu l-emissjonijiet mill-portijiet tagħna b'madwar 90%.

Dan huwa investiment li se jgawdu minnu 17,000 familja li jgħixu fil-madwar tal-Port il-Kbir. Hawn tara d-differenza anke bejn pajjiż u ieħor. *The Economist* tal-ġimgħa l-oħra rrapporta li hemm pajjiżi li se jkunu qegħdin iċaħħdu vapuri milli jidħlu fil-portijiet tagħhom minħabba l-emissjonijiet. Dawn ħadu t-triq l-aktar faċli. F'pajjiżna bil-kontra, il-vapuri qed jiġu u se jkomplu jiġu aktar, waqt li qed ninvestu biex innaqqsu l-emissjonijiet. Dak huwa l-bilanċ ta' Malta Ġusta li pajjiżna qed jara taħt dan il-Gvern. Dik hija differenza fundamentali, nerġa' ngħid, mhux bil-paroli, imma bil-fatti, bi proġetti, investimenti u flus li qed imorru għas-saħħa tal-poplu Malti u Għawdxi.

B'investiment ta' €5 miljun għamilna sally port fil-Birgu bi promenade ġdid li jistgħu jgawduh il-Maltin u t-turisti li jżuru x-xtut tal-Kottonera. Insemmi l-ferry landings, għax nemmnu fit-trasport marittimu. Nibda b'dak ta' Bormla li huwa proġett state of the art. Morru arawh! Ġmiel ta' proġett b'investiment kbir. Bħalissa għaddej ukoll il-proġett ta' Buġibba, li se jkun l-ewwel ferry landing li jilqa' saħansitra l-fast ferry. Insemmi wkoll dak ta' Tas-Sliema li sal-aħħar tas-sena se nkunu nistgħu ninawgurawh ukoll. Dan għax nemmnu li t-traġitt bil-baħar jikkomplementa dak tal-art. Dik hija l-viżjoni tagħna. Dak hu li nemmnu fih u li fil-prattika qegħdin inwettquh.

Insemmi l-proġett tar-riklamazzjoni f'Ras Ħanżir fil-Port il-Kbir, li flimkien mal-proġetti infrastrutturali ta' Lascaris u Pinto 4 u 5 se jagħtuna mollijiet ferm ikbar biex nilqgħu mhux il-vapuri tal-lum, imma l-vapuri ta' għada u pitgħada. Malta ta' għada hija ferm sabiħa. Insemmi l-proġett ta' Pinto b'investiment ta' €25 miljun u l-proġett fil-moll ta' Boiler Wharf. Dawn huma proġetti li jaqtgħulek nifsek issemmihom, aħseb u ara tagħmilhom. Hawn nirringrazzja lil Infrastructure Malta tax-xogħol kbir li qed tagħmel fil-pajjiż. Dawn huma investimenti multimiljunarji li se jieħdu lil pajjiżna fil-livell li jmiss.

Fil-marittimu investejna wkoll fil-fast ferry, li lanqas biss kienu ħolmuh jew qatt semmewh, aħseb u ara kemm għamluh. Dan huwa investiment kbir li qed jagħmel il-Gvern Malti biex il-ħaddiema Għawdxin u t-turisti jkollhom opportunità li jivvjaġġaw bejn Malta u Għawdex mingħajr il-karozza, f'inqas traffiku u b'inqas emissjonijiet, fejn tasal taħt il-Belt, titla' bil-lift u tkun fiċ-ċentru tal-belt kapitali ta' pajjiżna. Il-frott ta' dan huma madwar 250,000 passiġġier li qed jagħmlu użu minn din il-faċilità li pajjiżna investa fiha.

Ladarba qegħdin nitkellmu fuq Għawdex, irrid ngħid li qed niddiskutu wkoll it-tender li bħala Ministeru qegħdin niffinalizzaw biex toħroġ is-sena d-dieħla, li tħares lejn it-trasport konvenzjonali li pajjiżna għandu bżonn. F'dawn il-ġimgħat ħdimna ħafna mal-Kummissjoni Ewropea għax dan huwa public service obligation li permezz tiegħu jrid ikollok il-green light tal-Kummissjoni Ewropea.

Insemmi l-pont tal-Forti Sant'Anġlu. Hawn irrid ngħid li l-fondi li għandna mhux biss jilqgħu għal dak li naħsbu li se jiġri imma anke għal dak li jinqala' minn ġurnata għal oħra u li ma tkunx qed tistenna. Anke l-pont tal-Forti Sant'Anġlu se jkun qiegħed jitranġa għal dak li kien fil-glorja tiegħu għax għandna l-finanzi. Tlestew l-istudji ġeoloġiċi u issa se nibdew nibnu l-istruttura.

L-industrija marittima hija għal qalbi ħafna. Illum Transport Malta hija mmexxija minn chairperson u CEO li ġejjin mill-qasam marittimu, għax nemmnu li l-marittimu huwa mutur ekonomiku b'saħħtu u importanti u huwa dak li pajjiżna jeħtieġ. Qed inkomplu nagħmlu ħafna xogħol biex nikkonsolidaw lil pajjiżna bħala s-sitt l-ikbar reġistru fid-dinja u l-ikbar fl-Unjoni Ewropea. Reġistrati magħna hemm 10,000 vapur li jagħtuna €25 miljun fis-sena, li jfisser 14% tal-GDP ta' pajjiżna. Irdoppjajna t-tunnellaġġ minn żmien gvernijiet Nazzjonalisti fejn minn 40 miljun tunnellaġġ, illum qed immissu madwar 82 miljun tunnellaġġ. L-Unjoni Ewropea qed issemmi lil Malta bħala eżempju anke fejn tidħol id-diġitalizzazzjoni li qed jagħmel pajjiżna.

L-Onor. Castillo semma s-superyachts. Ilbieraħ nidejna l-viżjoni tal-Gvern għal dan il-qasam. Għalina 1,100 superyacht ta' 24 metru huma ħafna, imma għalija u għal sħabi dan huwa biss il-punt tat-tluq u mhux tal-wasla. Għandna viżjoni ta' fejn se mmorru f'dan il-qasam għaż-żmien li ġej.

Qed inbiddlu wkoll l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili wara 50 sena, għax dik hija l-bidla progressiva li pajjiżna għandu bżonn. Dan anke minħabba l-bidliet ġeopolitiċi li pajjiżna u d-dinja għaddejjin minnhom.

X'qed nistennew fil-marittimu, Sur President? Ninsab informat li 25% tal-vapuri li qed jinbnew bħalissa diġà wrew ix-xewqa li jirreġistraw taħt il-bandiera Maltija, għax dik hija l-ġurisdizzjoni tal-għażla tal-ħafna u mhux tal-ftit. Hawnhekk irrid nirringrazzja lis-Sur Ivan Sammut li kien ir-Registrar General of Shipping and Seamen u llum se jimxi għall-kariga prestiġjuża internazzjonali fir-Regional Marine Pollution Emergency Response Centre for the Mediterranean Sea (REMPEC) fl-International Maritime Organization (IMO) u nifraħ lil Dr Ivan Tabone li qed jieħu postu f'din il-kariga. Insellmilhom u nirringrazzjahom tas-servizz li qed jagħtu.

Fir-rigward tal-Emissions Trading System (ETS), nifhmu l-isfidi li għandha l-industrija marittima u għalhekk qegħdin nitkellmu fuq diversi livelli, kemm mal-operaturi, kemm fil-fora internazzjonali, kemm bejnietna u anke mal-Oppożizzjoni. Hekk jixraq u jaqbel lill-pajjiż biex nevitaw il-carbon leakage. Irridu noqogħdu attenti li fir-regolamenti stess ikun hemm dispożizzjonijiet li Malta daħħlet fin-negozjati li nistgħu nużaw issa biex nevitaw il-carbon leakage. Mhux se nieqfu hawn. Qed naħdmu bla waqfien. Il-ġimgħa d-dieħla se nkun Londra għall-General Assembly tal-IMO biex inkompli nara li jkun hemm level playing field mad-dinja kollha f'dak li għandu x'jaqsam mal-marittimu. Ġimgħa wara se nkun Brussell għall-Kunsill tal-Ministri għat-Trasport fejn hemmhekk se jkolli l-opportunità li nitkellem fuq din l-isfida li għandna. Altru milli nabbandunaw l-isfidi li għandna!

Qed ninvestu fid-dredging, fil-portijiet, fil-mollijiet u fix-shore to ship biex lill-marittimu neħduh għal livell ogħla ħalli nibqgħu fost l-aqwa. Qed nagħmlu proġetti infrastrutturali bla preċedent li, kif għedt aktar qabel, taqta' nifsek taqrahom, aħseb u ara tagħmilhom! Nerġa' nsemmi l-proġett ta' Ħal Luqa u Kirkop tunnels u l-airport intersection. Dan jirriżulta f'74% inqas traffiku f'dik iż-żona. Kont ngħaddi minn hemm kuljum, jiġifieri naf kif kienet is-sitwazzjoni. Nerġa' nistieden lill-membri tal-Oppożizzjoni biex jitkellmu man-nies ħalli jgħidulhom kif illum qed igawdu minn dan l-investiment. Rajna t-tisbiħ tal-inħawi b'700 siġra, 50,000 arbuxell u pjanti oħra li qed ikomplu jagħmlu l-post sabiħ. Dan kien investiment ta' €30 miljun. Dawk huma l-proġetti li għamilna!

Niġi issa għall-proġett f'St Andrews u s-Swieqi fejn jgħaddu madwar 1,600 vettura fis-siegħa. Dawk huma toroq li Gvern Nazzjonalista lanqas biss ħares lejhom, aħseb u ara kemm għamilhom. B'dan il-proġett se jiġu eliminati t-traffic lights, se tiżdied is-sigurtà u se jitħawlu s-siġar biex ikun hemm tisbiħ tal-post kif jixraq lill-poplu. Imbagħad se naraw li nimxu għal fażi oħra, dik ta' Paceville Junction, fejn se nibnu flyover biex inneħħu t-traffic lights li llum nafu kemm iwaqqfu karozzi.

Insemmi l-proġett ta' Imsida Creek li se nibdewh dalwaqt. Ilbieraħ għalaq il-proċess tat-tendering biex fl-Imsida Creek nagħmlu proġett state of the art li jkompli jeħodna lejn il-livell li jmiss, li 60%

tiegħu se jkun kollu spazju pubbliku. Se nagħtu għall-ewwel darba pjazza lin-nies tal-Imsida. Se nagħmlu kanal tal-ilma ta' 300 metru. Se jkun hemm parkeġġ għal madwar 150 karozza. Dan huwa proġett li se jikkomplementa t-trasport pubbliku, iċ-ċikliżmu u l-mixi. Din hija l-active mobility li qed nimbottaw anke b'dan il-proġett li se nagħmlu fl-Imsida.

Qed nagħmlu proġett wara l-ieħor biex intejbu l-kwalità, l-effiċjenza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà fit-toroq tagħna. Dik hija s-serjetà, meta tagħmel proġetti li tmisshom b'idejk u tarahom b'għajnejk, u mhux toħlomhom u titkellem fuqhom biss! Biex dan isir, qed nieħdu d-deċiżjonijiet kuljum. Insemmi wkoll il-proġett f'Tal-Barrani, fejn għaddejjin l-istudji u x-xogħol biex nindirizzaw is-sitwazzjoni anke f'dik il-parti ta' Malta u naraw li ntaffu t-traffiku hemmhekk ukoll.

Insemmi l-Grand Harbour Regeneration Corporation (GHRC) u nsellem il-Kap Eżekuttiv li jinsab magħna f'din il-Kamra. Ħemel ta' proġetti li kważi tlestew fil-Kalkara, l-Isla, il-Pietà u ġejjin ħafna aktar, fosthom fil-Marsa, għax il-poplu Malti hekk jixraqlu. Imbagħad hemm il-proġett tal-Port il-Kbir li nixtieq li s-sena d-dieħla nagħfsu aktar fuqu. Naf li ħafna ministri, inkluż ministri minn gvernijiet oħra, ipprovaw jagħmluh, imma s'issa ħadd ma rnexxielu għax, iva, id-diffikultajiet huma reali u tanġibbli. Però dan huwa proġett li se nagħmluh ukoll.

Wasal il-ħin li nikkomparaw ftit dawn il-proġetti li qegħdin nagħmlu llum ma' dak li sar minn gvernijiet preċedenti. Jiġini mill-ewwel f'moħħi dak li kienu jagħmlu fit-toroq. L-Onor. Callus mhux qed narah. Kultant jitkellem dwar l-estmi tal-Baġit u mbagħad jinħeba s-sena kollha, imma dak jarah hu u l-Kap tal-Oppożizzjoni. Se nirreferi għal diversi artikli li aktar 'il quddiem se npoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra ħalli l-Oppożizzjoni toqgħod tosservahom. Artiklu minnhom jgħid: "No potholes for His Holiness". (Interruzzjonijiet) Onor. Bezzina, ġejjin aktar!

Kien ikollna toroq li jibdewhom u ma jispiċċawhomx. F'artiklu ieħor *The Times of Malta* tgħidilna: "Unfinished roadworks". (Interruzzjonijiet) Ħa nkompli nsemmilek, Onor. Bezzina! Kien hemm proġetti li jiswew miljuni u baqgħu mitluqin. Artiklu ieħor jgħid: "Mystery Santa Venera tunnel leak reappears". Kien ikollna karozzi jaħbtu għax it-toroq kienu fi stat diżastruż, tant li artiklu ieħor jgħid: "Roadworks worry engineers". Ħa nagħtik oħra, Onor. Bezzina!

**IĊ-CHAIRPERSON:** Ippermettili, Ministru. Ma rridx interruzzjonijiet fil-Kamra. Ministru, qed nifhem li dawn id-dokumenti se tkun qed tpoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra. Ministru, kompli bid-diskors tiegħek.

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Sur President, iva, se npoġġi dawn id-dokumenti li qed nirreferi għalihom fuq il-Mejda tal-Karma. Ħa nkompli nsemmi aktar, għax fadal ħafna x'ngħid. Jekk kien isir xi xogħol, dan kien ikun wieħed kożmetiku biex jitmejlu bin-nies. Artiklu ieħor jgħid: Cosmetic works show disrespect. Onor. Bezzina, se jkun fuq il-Mejda tal-Kamra biex tarah ukoll!

**IĊ-CHAIRPERSON:** Ministru, jekk jogħġbok, indirizza s-Sedja. Ma rridx nisma' aktar interruzzjonijiet.

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Sur President, smajt ħafna dwar l-iskandli fi Transport Malta. Illum qegħdin lejn l-aħħar tal-2023 u qisu dak id-diskors li ntqal seta' jsir ukoll fl-2010. Dak iż-żmien kien hawn il-Ministru Austin Gatt. Dakinhar kelli 30 sena, u l-ġurnali kienu jgħidu hekk:

> "TM rocked by another scandal as Minister reveals 700 licences upgraded irregularly. The Police have been called in to investigate hundreds of upgraded licences to other categories ..."

- isimgħuha ġejja –

> "... without the holdlers being submitted for a test.".

U mbagħad jiġu hawn iħabbtu fuq sidirhom dwar l-iskandli ta' Transport Malta! L-iskandli, bir-rispett kollu, kienu fl-2010, fejn kienet twaqqfet xi kummissjoni biex tinvestiga, u niftakar li kien hemm il-Ministru Jesmond Mugliett li kien tefa' r-riżenja tiegħu u l-Prim Ministru ta' dakinhar Lawrence Gonzi m'aċċettahiex. Dan kien it-taħwid kollu li kien hemm fi żmenijiet ta' Gvern Nazzjonalista!

X'qed nagħmlu llum biex ix-xogħlijiet fit-toroq ikunu aktar spediti? Illum qed jitwaħħlu tabelli li juru liema entità u kuntrattur qed jagħmlu x-xogħlijiet, għalfejn qed isiru u l-iskadenzi kollha, jiġifieri l-bidu u t-tmiem tal-proġett. Infrastructure Malta qed tagħmel ukoll laqgħat mal-midja b'mod regolari biex tinforma fejn inkunu wasalna fil-proġetti li jkunu għaddejjin. Qed nieħdu wkoll azzjoni fuq dawk il-kuntratturi li mhux jagħtuna xogħol tajjeb, għax ma niddejqux li nappoġġjaw u nagħtu xogħol bla preċedent lill-kuntratturi, imma dawk li jagħtuna xogħol ħażin u ta' dewmien se jkunu kkastigati, kif rajna fil-proġett tal-Imsida ftit tal-ġimgħat ilu.

Il-pass li jmiss huwa relatat mal-istandards. Nixtieq li jkollna standards aqwa meta jkollna xogħlijiet għaddejjin fit-toroq. Fil-fatt se nwaqqaf tim li se jkun qed jagħtina strateġiji ta' kif se naslu hemmhekk ukoll. Insemmi l-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u l-mixi, fejn għamilna ħafna. Fl-2012 kien hemm biss madwar disa' kilometri ta' infrastruttura għaċ-ċikliżmu u llum għandna 71 kilometru, jiġifieri aktar minn seba' darbiet minn dak li ħallew gvernijiet Nazzjonalisti. U se nkomplu naħdmu għax dan huwa biss il-bidu f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċikliżmu.

Għandna €35 miljun investiment, bl-ewwel tender toħroġ sal-aħħar tas-sena, għaż-żona minn Sa Maison għall-Belt u sal-Blata l-Bajda. Qed inkomplu niddisinjaw mal-periti aktar toroq li jagħtuna dawn il-faċilitajiet. Għall-ewwel darba fil-pajjiż, anke jekk qegħdin tard għax kont nistenna li jkollna dan, tletin, għoxrin sena ilu, sal-aħħar tas-sena se nniedu strateġija nazzjonali għaċ-ċikliżmu. Dik hija s-serjetà li qed jitolbu n-nies. (Interruzzjonijiet)

Qed nara li l-Onor. Callus reġa' daħal fil-Kamra. Mela ħa nsemmilu aktar artikli dwar dak li kien jiġri fi żmienhom, għax meta jitkellmu fuq iċ-ċikliżmu, taħsibhom li jiġu bir-rota kuljum il-Parlament! X'kien jiġri fi żmienhom? L-artikli jgħidu li: "Some obstacles to cyclists ... on cycle lanes"; "Transport Malta probe into bicycle incident"; "Petition to make cycling safer" u "Daily hazards cyclists face on the road". Imma meta jitkellmu, taħsibhom li huma ċ-champions tar-roti! Dan meta, nerġa' ngħid, fi żmienhom kien hawn biss disa' kilometri għaċ-ċikliżmu f'pajjiżna u llum hawn seba' darbiet aktar.

Qed naħdmu biex ikollna trasport aktar sostenibbli. Huwa evidenti li l-konġestjoni nistgħu negħlbuha biss bi trasport pubbliku aktar effiċjenti. Għalhekk qed ninvestu xejn inqas minn €72 miljun. Perfetti? Dażgur li m'aħniex! Però nistedinkom tmorru tagħmlu intervista bieb il-Belt u ssaqsu lin-nies jekk jixtiqux imorru lura għal żmien l-Arriva u l-bużulotti ta' dak iż-żmien. Żgur li n-nies se jgħidulek li qed igawdu l-investimenti li qed nagħmlu llum b'nefqa ta' €72 miljun. Hekk se nkomplu nagħmlu għax irridu trasport pubbliku dejjem aħjar. Kien għalhekk li xahar ilu ġibna 30 karozza tal-linja ġdida jaħdmu bl-elettriku mingħajr ma jniġġsu li se jagħtuna 410 vjaġġi kuljum. Se nkomplu naħdmu u ninvestu f'aktar karozzi tal-linja, f'aktar rotot u f'aktar frekwenzi għax dak huwa dak li verament jista' jwassalna għall-pass li jmiss.

L-Oppożizzjoni tixtieq tnessina dak li kien hemm fi żmienhom, imma żgur li ma nistgħux ninsew x'għamlu huma fit-trasport pubbliku. Artiklu ieħor fl-2011 jgħid: "Arriva, Arriva ... ma non arriva mai!". Editorjal jgħid: "Reform public transport immediately." Ovvjament, dakinhar kienu jipprovaw jitfgħu l-problema f'ħoġor l-operatur tant li artiklu ieħor fl-2012 jgħid: "Authorities blame Arriva, but Labour blames authorities.". Ara t-taħwid li kien hawn fil-pajjiż fi żmienhom! Niftakar dan jien ukoll!

Imbagħad, din kbira, għamlu l-famuża task force! Artiklu ieħor jgħid: "Gonzi task force: PM 'clips' Gatt's wings, meets with Arriva directors". Il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Lawrence Gonzi kien għamel task force fuq it-traffiku fil-pajjiż. Dan fi żmien meta kien hawn 400,000 ruħ jgħixu fil-pajjiż, mhux illum. Mur ġibhom qegħdin f'dan is-siġġu jagħmlu tant proġetti bl-isfidi kollha ta' popolazzjoni ferm ikbar! Niftakru anke lill-eks Prim Ministru Ingliż Boris Johnson jiddieħak bina u jwaqqa' lil pajjiżna għaċ-ċajt, meta jgħid li bellgħalna l-karozzi tal-linja li ħadd ma ried fuq wiċċ id-dinja!

Għaddejjin ukoll b'aktar ħidma biex ikollna sigurtà fit-toroq tagħna. Sena ilu għamilna pjan komprensiv li qed jagħtina r-riżultati. Fil-fatt rajna li l-fatalitajiet bdew neqsin. Dan x'għamilna bil-fatti u mhux bil-paroli u posts fuq *Facebook*. Mill-ewwel tlaqna biex mal-World Bank nibdew naħdmu fuq ir-road safety strategy, li se twassalna sal-2030. Qegħdin naraw li nwaqqfu, bħala l-ewwel pajjiż fl-Ewropa, għax ir-Renju Unit issa għamel dan u llum huwa pajjiż barra mill-Unjoni

Ewropea, Transport Safety Investigations Commission.

Qegħdin niddiskutu mal-Maġistratura, mal-Ġudikatura u mal-Pulizija biex negħlbu d-diffikultajiet li wieħed ikollu. Fil-jiem li ġejjin, fil-Parlament se jkolli l-opportunità li nagħti bażi legali lir-Road Safety Council, li għandu rwol importanti li jagħti pariri u suġġerimenti lill-Gvern, lill-awtoritajiet u lill-Ministru responsabbli, kif ukoll jippromwovi t-tħaddim tal-aħjar prattiċi tas-sewqan responsabbli f'pajjiżna. Żidna u saħħaħna l-liġijiet. Żidna l-multi u żidna l-punti, għax ma niddejqux nieħdu deċiżjonijiet kuljum biex dawk li jiksru l-liġi u jagħmlu kontravvenzjoni jkunu kkastigati.

Issoktat il-kampanja ta' informazzjoni li pajjiżna qiegħed jagħmel. L-istess, it-tagħlim fl-iskejjel kompla jissaħħaħ grazzi għall-ħidma mal-Ministru Clifton Grima. Bħali taraw spezzjonijiet kuljum fit-toroq li qed jagħtuna riżultati wkoll. Saħħaħna wkoll id-Diviżjoni tas-Sigurtà fit-Toroq fi Transport Malta, kif ukoll aktar viġilanza u dixxiplina. Fil-jiem li ġejjin se noħorġu t-tender għal imħażen biex dawk il-karozzi li jibqgħu jiksru l-liġi jkunu jistgħu jinżammu hemmhekk, għax l-illegalità m'għandhiex postha ma' dan il-Gvern.

Hawnhekk nixtieq immur għat-track record ta' ħaddieħor fuq sigurtà fit-toroq. Artiklu jgħid: "Malta uncommitted on EU road safety equipment". Lanqas biex jixtru l-apparat ma kien hemm flus, jew aħjar ma kienx hemm rieda politika, biex niftehmu aħjar! Imbagħad il-kunsilli lokali li kienu jgħidulhom biex inaqqsu l-limitu tal-veloċità tas-sewqan għall-vetturi, f'artiklu ieħor naqraw: "Most mayors favour reduced speed limits". Hawn qed nitkellmu fuq il-bażiku, it-tnaqqis tal-limitu tal-veloċità tas-sewqan għall-vetturi u mhux fuq xi ħaġa ta' barra minn hawn. Editorjal wara l-ieħor u ittri dejjem deħlin lill-edituri tal-ġurnali jitkellmu dwar dan, fosthom artiklu li jgħid: "Road discipline and responsibility". Ma tiqafx issemmi! Dak huwa t-track record li ħaddieħor jipprova jnessi!

Sur President, nerġa' ngħid li qed nieħdu deċiżjonijiet kuljum. Anke fir-rigward tal-e-kickscooters, ġabuha ħażin ukoll. Min-naħa tagħna ħadna d-deċiżjonijiet u waqqafna l-kiri tal-e-kickscooters minħabba sewqan eċċessiv u perikoluż li kien ikun hemm fuq il-promenade. Nistieden lill-Oppożizzjoni biex titkellem mas-sindki Nazzjonalisti, li wieħed minnhom ġie jgħidli grazzi pubblikament. Anke deputati mill-Oppożizzjoni bagħtuli messaġġi bi grazzi u prosit. Imbagħad tisma' lill-Onor. Delia jgħidlek li hu jridhom lura. M'hemm koerenza ta' xejn! Kien hemm periklu kbir, inkluż ipparkjar bl-addoċċ u sewqan f'toroq arterjali.

Għalhekk rajna li ma kenux alternattiva għal karozza, imma nemmnu li nistgħu ntejbu għal dawk li għandhom wieħed huma. Fil-fatt se nagħmlu miżura li permezz tagħha se noffru għotjiet anke finanzjarji. Dak huwa l-bilanċ ġust li Malta jeħtieġ li jkollha. Għalhekk Malta Ġusta! Dik hija s-serjetà li taf fejn qiegħed ma' dan il-Gvern. Ovvjament, issa l-poplu Malti jistaqsi kuljum dwar x'se jiġri jekk ikun hemm Gvern Nazzjonalista. Se nerġgħu naraw l-e-kick scooters tal-kiri? Forsi l-Onor. Delia jkollu l-opportunità jispjega xi darba f'din il-Kamra jew f'xi intervista li jħobb jagħmel fuq it-televiżjoni tal-Partit Nazzjonalista.

Fejn tidħol is-sigurtà fit-toroq, din trid tiġi osservata minn kulħadd, għax is-sigurtà fit-toroq hija responsabbiltà ta' kulħadd. Xi ħadd ikkompara l-aċċidenti u l-fatalitajiet illum ma' dak li kellna snin ilu. Qed naraw il-frott tad-deċiżjonijiet li qegħdin nieħdu kuljum. Però n-nies huma responsabbli tal-vettura, għax il-vettura hija arma li permezz tagħha tista' tweġġa' int u ta' madwarek.

Fejn jidħlu l-Y-plates iddiskutejna u ħadna d-deċiżjonijiet biex nirregolaw u nsibu l-bilanċ ġust f'suq liberalizzat. Għalfejn tlaqna minn hemmhekk? Konna nafu li l-pajjiż għandu bżonn suq liberalizzat biex l-ammont li wieħed jonfoq biex jivvjaġġa minn post għall-ieħor jonqos. Dak kien l-għan, bil-konsegwenzi kollha li dak ġab miegħu. Ħadna l-azzjonijiet u konsiderazzjonijiet, fejn kien hemm żvantaġġi. Neħħejna mill-ewwel il-klawsola li kienet ilha f'Malta għal ħafna snin, li permezz tagħha ħaddiem barrani seta' għal sena waħda biss jivvjaġġa bil-liċenzja tas-sewqan ta' pajjiżu. Kien dan il-Gvern u jien bħala Ministru li neħħejnieha.

Rajna li jkun hemm dikjarazzjoni tal-garaxx, issa anke għal dawk li għandhom flotta ta' ħames karozzi jew aktar. Dawn irid ikollhom garaxx apposta bil-firma u t-timbru tal-perit. Fejn jidħol l-ipparkjar tal-vetturi waqt li ma jkunux t'użu, tajna l-faċilità għall-ipparkjar bil-ħin, biex is-sewwieqa jkunu jistgħu jaqdu l-bżonnijiet

tagħhom. Insemmi wkoll id-distanzi li introduċejna xahrejn ilu. Inbidel il-kors u l-ittestjar għal wieħed ferm aħjar. Ħarisna li jkun hemm iż-żamma aħjar tal-vettura. Dan huwa Gvern li jiddeċiedi!

Imbagħad għandek lill-kelliem tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Delia, li għal sena oħra, tkellem hu u telaq ’il barra minn din il-Kamra. Donnu ma jrid jisma’ lil ħadd ħlief lilu nnifsu!

**IĊ-CHAIRPERSON:** Ippemettili, Ministru. L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, għall-korrettezza l-Ministru jaf li llum bdejna fit-8.30 a.m. minflok fid-9.00 a.m. Il-Ministru jaf ukoll li l-Onor. Delia kellu appuntament il-Qorti li ma setax joħroġ minnu. F’ġieħ is-serjetà, napprezza li l-Ministru jikkonferma dan.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Ministru Aaron Farrugia, tista’ tkompli.

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Sur President, jien kont informat li l-qadi li l-Onor. Delia għandu jagħmel kien fil-11.30 a.m. u mhux f’nofsinhar. Però, jekk dak huwa l-każ, għal din is-sena nagħlqu għajnejna. Is-sena l-oħra kien mar fuq ir-radju jitkellem biex jerġa’ jisma’ l-vuċi tiegħu!

Il-poplu bilfors ikollu taħwid il-moħħ meta jisma’ lill-Oppożizzjoni titkellem, anke fuq il-Y-plates. Ġurnata minnhom l-Onor. Delia kiteb li mar jimxi Ħaż-Żebbuġ u sab ħafna karozzi bil-Y-plates ipparkjati fil-white bays, u mbagħad xahar wara qalilna li s-sewwieqa huma msieken, għax qed inwaħħlulhom il-multi meta jipparkjaw fil-white bays! Għidli inti kif tista’ tifhem, għax jien u l-poplu Malti ma nistgħux! L-istess fejn jidħlu t-tags. Kien hawn post fuq *Facebook* jgħid li l-barranin qed iġibu tags foloz bi ħlas, ovvjament b’mod illegali. L-Onor. Delia kien ħareġ jgħajjar lill-ħaddiema kollha ta’ Transport Malta korrotti. Jien talbt lill-Pulizija tinvestiga u stennejt ir-rapport.

Ftit tax-xhur wara l-Pulizija qalet li dak il-post fuq *Facebook* ma kienx veritier u kien giddieb. Imbagħad għamel xahar jistaħba biex ma jidhirx għal dak li kien qal. Għalhekk mhux kredibbli! Hawn l-argument jiġi waħdu. Jistgħu l-membri tal-Oppożizzjoni jgħidulna xi jridu eżattament minn pajjiżna. Fejn jixtiequ jeħduh? X’jagħmlu differenti? Qed nagħmel dawn il-mistoqsijiet għaliex f’diskors ta’ siegħa u nofs ma smajt xejn. Kellna diskorsi fuq l-avjazzjoni u l-marittimu, imma qishom ma ridux jinżlu fuq l-art, jew ipprovaw jevitaw li jagħmlu dan.

X’aħna nagħmlu bħala Gvern fuq it-trasport fuq l-art? Introduċjena trasport pubbliku bla ħlas permezz ta’ tal-Linja Card. It-trasport lejn l-iskola u lura d-dar għall-istudenti llum huwa bla ħlas. Ħaddieħor kien joħlom biss b’dawn il-miżuri, imma aħna wettaqniehom waħda wara l-oħra. Għamilna l-pjan Back to School fix-xhur tas-sajf biex l-entitajiet ikollhom it-trasport pubbliku, il-LESA u l-Pulizija fit-toroq tagħna. Introduċjena s-servizz ta’ tow trucks b’xejn madwar il-pajjiż biex malli karozza tieqaf, tkun tista’ tiġi rmunkata mingħajr problemi ta’ xejn. Qed naraw żieda qawwija fil-preżenza ta’ uffiċjali fit-toroq tagħna u aktar kampanji edukattivi u ta’ informazzjoni. Dak huwa x’għamilna fil-passat riċenti, jiġifieri jiem, ġimgħat u xhur ilu.

X’se nagħmlu għaż-żmien li ġej? Donnu l-Onor. Delia jew qabeż xi paġna jew ma qarax id-dokument tal-Baġit kollu. Se nagħmlu intelligent transport system biex fil-futur nużaw l-artificial intelligence (AI) għal pajjiżna. It-tenders ġew assenjati u se nibdew naraw li jiġu attwati. Se naraw aktar timed parking zones fil-pajjiż. Fil-ġimgħat li ġejjin se nippubblikaw green paper fuq parkeġġi fil-periferiji tal-ibliet u l-irħula. Se naraw mobilità aħjar lejn il-Belt Valletta u l-Università b’inqas karozzi. Dak huwa pjan li bdejna niddiskutu internament. Qed naħdmu wkoll fuq il-mobilità waqt l-aktar ħinijiet intensi tat-traffiku. Kif spjegajt ilbieraħ mal-midja meta kont qed inwieġeb għall-mistoqsijiet tagħhom, dawn mhumiex affarijiet li tqum filgħodu u tbiddel. Iltqajna mal-korpi kostitwiti u man-negozji li qalulna li se jkollhom jibdlu l-mudell tagħhom biex jaraw li jsuqu lil hinn mill-ħinijiet l-aktar mgħobbija bit-traffiku.

Ovvjament il-Kap tal-Oppożizzjoni, li kien hawn ftit tal-ħin ilu, tfantas għax għedna li qegħdin nirrevedu l-masterplan tat-trasport sal-2030. Mhux ovvja? Mela d-demografija tal-pajjiż u dak li jiġri fil-pajjiż ma jkomplux jinbidlu? Fil-verità niskandalizza ruħi bin-nixfa ta’ ideat li kien hemm dakinhar u hawn illum. Minn diskors ta’ siegħa u nofs ma smajna xejn! Baħħ! Is-sena l-oħra kienu ġew bil-pre-budget document, li mhux

jien, imma n-nies, il-korpi kostitwiti, il-midja u l-editorjali ddeskrivewh bħala "a mess".

Imbagħad in-naħa l-oħra qalulna li se jevitaw din it-taħwida għas-sena d-dieħla. Żammewha kelmthom, għax ma għamlu xejn! Ma kitbu xejn! Ġew u tawna numru ta' slides b'ħafna kuluri b'isem: "Viżjoni ta' eċċellenza għal Malta" maħruġin fid-19 ta' Ottubru, 2023. Se npoġġihom ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra. Għandkom kopja żgur. Jien dħalt fihom biex nara x'inhi din il-viżjoni ta' eċċellenza għal Malta fit-trasport u l-infrastruttura. Qallibt fuq li qallibt f'dawn il-karti, imma ma stajt insib xejn! Imbagħad f'waħda mill-paġni hemm bullet point fejn jingħad hekk:

> "Prijoritajiet ewlenin biex nibqgħu nikkompetu għal pajjiżna."

F'oħra jingħad:

> "Infrastruttura, trasport u ppjanar.".

Komplejt inqalleb u sibt il-baħħ! Baħħ dakinhar u baħħ illum! Dik hija l-Oppożizzjoni li għandna quddiemna!

Niġi issa għat-trasport tal-massa, Sur President, li smajna ħafna fuqu anke f'din il-Kamra. Kien dan il-Gvern li għamel l-istudji tekniċi dwar trasport tal-massa. Però tafu biżżejjed, anke mill-midja, li wieħed irid jikkonsidra l-fattibilità finanzjarja ta' proġett bħal dan. Hawn qed nitkellmu fuq proġett li jiġi jiswa minn €4 biljuni sa €6 biljuni. Huwa proġett massiċċ li pajjiżna qatt ma ħolom. Immaġinaw ftit, Gvern Nazzjonalista kien jonfoq €11-il miljun fis-sena f'infrastruttura. Mela mur ġibhom jiddiskutu proġett tat-trasport tal-massa ta' €6 biljun! Ħoll xagħrek u ġib iż-żejt! Dik hi l-verità. Però, iva, flimkien ma' ekonomisti lokali u internazzjonali ħarisna lejn mudelli ekonomiċi u mal-Ministru għall-Finanzi se nkomplu nħarsu lejn mudelli ekonomiċi li wieħed jista' jesplora 'l quddiem. Dan speċjalment f'dan iż-żmien ta' sfida għall-pajjiżi kollha, mhux għalina biss.

Sur President, pajjiżna għandu bżonn trasport tal-massa u se nkomplu naħdmu fuqu bla serħan fiż-żmien li ġej. Għalija l-iskandlu taf x'inhu? Li forsi ħafna mill-membri tal-Oppożizzjoni lanqas jafu jew basru li l-kelliem tal-Oppożizzjoni issa biddel id-direzzjoni, rema t-trackless tram li rajna fil-pre budget document tas-snin ta' qabel u anke fil-manifest elettorali, u ġimgħa ilu qam jgħidilna li jemmen fl-underground! Ma nafx jekk il-Kap tal-Oppożizzjoni jaqbilx miegħu u jekk hu u sħabu humiex aġġornati dwar dan. Però issa llum qed jitkellem dwar l-underground u rema t-trackless tram li pajjiżna kien sema bih fl-elezzjoni ġenerali, jidhirli mhux li għaddiet, imma ta' qabel. Kif tista' tieħu lill-Oppożizzjoni bis-serjetà?

Imbagħad fl-aħħar kwarta, minn siegħa u nofs, tkellmu fuq it-traffiku. Proposti ma kienx hemm, imma qalu li fil-pajjiż hawn it-traffiku. Mela ħa nerġa' nfakkar x'kien hawn fi żmienhom. Artikli jgħidu: "Xemxija traffic hell", "Traffic congestion in Aldo Moro Street, Marsa" u "Valletta traffic on NYE blamed on suprising turnout". Ma kenux jafu li se jkun hemm in-nies fit-toroq! Inkompli nikkwota: "Traffic lights: red arrows", "Gearing up for gridlock on our roads" u "Rush hour road works strangle traffic". (Interruzzjonijiet)

Dawn se jkunu kollha fuq il-Mejda tal-Kamra ħalli l-Onor. Bezzina jaqrahom, għax mhux aġġornat. Artikli oħra jgħidu: "Transport task force has now acheived results" u "Austin Gatt baffled by students' accusation", xi ħaġa li anke jien niftakar, għax dak iż-żmien kont student l-Università. Araw it-taħwid u t-tgħaffiġ, inkluż il-famuża task force ta' Lawrence Gonzi. Nerġa' ngħid, dan b'popolazzjoni ta' 400,000. Immaġinaw kieku qegħdin hawn jikkumbattu l-isfidi b'popolazzjoni akbar u b'ekonomija reżiljenti li għandna llum il-ġurnata!

Fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni komplejna għaddejjin bi proġett ta' €50 miljun imqassmin fuq erba' snin, għal flotta elettrika li pajjiżna qed jaħdem fuqha. Fejn fi żmienhom kienu joħolmu li jagħmlu investiment fid-dekarbonizzazzjoni? Insemmi l-grants ta' €13,000 li qed nagħtu lill-poplu Malti biex inkomplu mixjin f'din id-direzzjoni.

Niġi għall-avjazzjoni, Sur President. Pajjiżna huwa ġurisdizzjoni tal-għażla għal ħafna ajruplani, fejn illum għandna 850 ajruplan kollha rreġistrati f'pajjiżna. Dan huwa mutur ekonomiku ieħor li jagħtina ekonomija u impjiegi ta' kwalità li ħaddieħor jista' jaspira biss għalihom. Infakkar biss, forsi hawn l-Oppożizzjoni ċċapċap, li fl-2012, qabel daħal Gvern Laburista, kien hemm 128 ajruplan irreġistrat f'pajjiżna. Fl-2020 biss, Gvern Laburista rreġistra 182 ajruplan. Dan ifisser li

Gvern Laburista, f'sena waħda biss, irreġistra ajruplani daqs kemm gvernijiet Nazzjonalisti rreġistraw sal-2012. Dik hija d-differenza! Mhux paroli u posts fuq *Facebook*, imma numri li nistgħu nibnu fuqhom. Nidejna l-ewwel politika tal-avjazzjoni ċivili fil-pajjiż għax, kif għedt sena ilu, dan huwa l-punt ta' tluq u mhux tal-wasla għall-avjazzjoni, li hija mutur ekonomiku li rridu mmexxu 'l quddiem.

Niġi issa biex nitkellem dwar Transport Malta. Biex nagħmlu dan il-patafjun ta' proġetti hemm bżonn struttura li trid tinbidel. Ħa nkunu ċari u ngħidu li l-istruttura tal-lum m'għamilha ħadd ħlief persuna waħda, Ministru Nazzjonalista li kien jismu Austin Gatt, u li llum l-Oppożizzjoni tiġi tikkritika t-taħwid f'din l-istruttura ... Però nifhem il-punt u nifhem li rridu nbiddlu l-istruttura ta' Transport Malta. Fil-fatt, dak li se nagħmel fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin. Se nwaqqfu għall-ewwel darba tliet direttorati ġenerali (DG) li jkollhom l-aġilità u l-ispazju biex jantiċipaw l-isfidi, ħalli nkunu pass 'il quddiem mill-kompetituri tagħna. Se jkun hemm DG marittimu, DG avjazzjoni u DG land transport biex ikun hemm l-aġilità u biex l-industrija jkollha aktar spazju biex taħdem fil-promozzjoni ta' pajjiżna u fil-viżjoni li pajjiżna qiegħed iħejji għall-ġejjieni. Dik hija d-direzzjoni li se nagħtu.

Nasal biex nikkonkludi dan id-diskors, Sur President. Bħala Gvern m'għejejniex niddiskutu proġetti kapitali. Qegħdin nitkellmu wkoll dwar reklamazzjoni tal-art, fejn is-sena d-dieħla beħsiebna ndaħħlu l-ewwel applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) għall-ewwel proġett biex inkunu nistgħu nieħdu lil Malta għal-livell li jmiss. M'aħniex se ngħaġġlu, għaliex għal dawn il-proġetti hemm bżonn il-ħsieb u l-galbu, imma se nagħmlu bħal dak li għamlu missirijietna u mmorru għar-reklamazzjoni tal-art li tagħmel ħafna sens għal pajjiżna.

F'din is-siegħa kelli l-opportunità nindirizza dak li l-kelliema ewlenin tal-Oppożizzjoni dwar dan il-Ministeru tkellmu dwaru, inkluż ir-raba' wieħed li nifhem li għandu ħafna rispett lejn dan il-portafoll li jien immexxi llum. Tajt ħarsa lejn il-ħafna proġetti u miżuri li għamilna u komplejt nitkellem dwar dak li se nagħmlu, għaliex dak hu li l-poplu jistenna. Sfidi hemm ħafna u oħrajn ġejjin, għaliex pajjiżna jrid ikompli jikber kuljum.

Sur President, pajjiż li qed ibassar li se jkollu l-ikbar tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea sfidi biss jista' jkollu. Nafu l-proġetti li rridu nagħmlu, fosthom dawk tas-servizzi tal-enerġija u l-ilma li jridu jgħaddu kollha minn taħt l-art. Nafu l-isfidi li hemm, imma nafu wkoll li pajjiżna ma jistax jgħix f'siti ta' kostruzzjoni b'mod permanenti. Għalhekk jien flimkien ma' sħabi qed infittxu kuljum bilanċ ġust. Qed naħdmu għal Malta moderna. Qed naħdmu għal infrastruttura tas-Seklu 21. Se nkunu għall-altezza li l-poplu Malti jistenna minna!

Fl-aħħar nett, se nqiegħed dawn id-dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra:

Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *maltatoday* fis-6 ta' Ottubru 2011 bl-isem 'Austin Gatt 'baffled' by student's accusation';

Artiklu li deher fuq gazzetta lokali bl-isem 'Rush hour road works strangle traffic';

Estratt minn artiklu li deher fuq is-sit online ta' *Times of Malta* fis-16 ta' Settembru 2012 bl-isem 'Transport taskforce has now 'achieved results';

Artiklu li deher fuq il-ġurnal lokali *The Sunday Times* fit-18 ta' Mejju 2008 bl-isem 'Gearing up for gridlock on our roads';

Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *The Malta Independent* fil-21 ta' Ġunju 2009 bl-isem 'Traffic Lights: red arrows';

Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *maltatoday* fis-6 ta' Jannar 2011 bl-isem 'Valletta traffic on NYE blamed on 'surprising' turnout';

Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *maltatoday* fit-23 ta' Novembru 2010 bl-isem 'Traffic congestion in Aldo Moro Street, Marsa';

Artiklu li deher fuq il-ġurnal *The Sunday Times* fit-22 ta' Ġunju 2008 bl-isem 'Xemxija traffic hell';

Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *maltatoday* fit-8 ta' Novembru 2011 bl-isem 'Gonzi task force: PM 'clips' Gatt's wings, meets with Arriva directors';

Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *The Malta Independent* fl-20 ta' Novembru 2012 bl-isem 'Authorities blame Arriva, but Labour blames authorities';

Artiklu li deher fuq il-ġurnal lokali bl-isem 'Reform public transport immediately, AD insists';

Artiklu li deher fuq il-ġurnal lokali *The Times of Malta* fit-3 ta' Awwissu 2009 bl-isem 'Daily hazards cyclists face on the road';

Artiklu li deher fuq il-ġurnal lokali *The Times of Malta* fis-17 ta' Awwissu 2009 bl-isem 'Petition to make cycling safer';

Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *The Malta Independent* fl-4 ta' Lulju 2011 bl-isem 'Arriva, Arriva ... ma Non arriva mai';

Artiklu li deher fuq ġurnal lokali bl-isem 'Transport Malta probe into bicycle incident';

Artiklu li deher fuq ġurnal lokali bl-isem 'Some obstacles to cyclists ... on cycle lanes';

Artiklu li deher fuq ġurnal lokali bl-isem 'Cosmetic works show disrespect';

Artiklu li deher fuq ġurnal lokali bl-isem 'Roadworks worry engineers';

Artiklu li deher fuq ġurnal lokali bl-isem 'Car overturns after bursting tyre in pothole';

Artiklu li deher fuq ġurnal lokali bl-isem ''Mystery' Sta Venera tunnel leak reappears';

Artiklu li deher fuq ġurnal lokali bl-isem 'Unfinished roadworks';

Artiklu li deher fuq ġurnal lokali bl-isem 'No potholes for His Holiness';

Artiklu li deher fuq il-ġurnal lokali *The Times of Malta* fit-2 ta' Settembru 2009 bl-isem 'Malta uncommitted on EU road safety equipment';

Artiklu li deher fuq il-ġurnal lokali *The Times of Malta* fit-2 ta' Marzu 2009 bl-isem 'Most mayors favour reduced speed limits';

Artiklu li deher fuq ġurnal lokali bl-isem 'Road discipline and responsibility';

Artiklu li deher fuq il-ġurnal lokali *In-Nazzjon* fis-7 ta' Novembru 2023 bl-isem 'It-Tweġiba tal-Kap tal-Oppożizzjoni għad-Diskors tal-Baġit 2024'; u

Dokument bl-isem 'Viżjoni ta' eċċellenza għal Malta' maħruġ mill-Partit Nazzjonalista fid-19 ta' Ottubru 2023.

Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Edward Zammit Lewis.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Sur President, nirringrazzja lill-Ministru għal dik il-ħarsa ġenerali li ta dwar il-portafoll tiegħu. Nirringrazzja lill-kelliema kollha li tkellmu qabli. L-għażla tiegħi li nitkellem dwar dan is-settur hija għaliex huwa ministeru bi sfidi kbar, imma wkoll b'opportunitajiet kbar għal pajjiżna jekk nagħrfu nieħdu lil pajjiżna fil-livell li jmiss għal dak li huwa immodernizzar.

Il-Ministru qal li l-progress mhu se jwaqqfu ħadd. Hemm affarijiet li qed niggwadanjaw minnhom, però qed iġibu sfidi kbar quddiemna, fosthom iż-żieda tal-popolazzjoni li hija realtà. Ma ninsewx li f'dawn l-aħħar għaxar snin il-popolazzjoni, apparti d-diversifikazzjoni fil-popolazzjoni, żdiedet b'aktar minn 100,000 ruħ, jiġifieri l-problemi u l-isfidi żdiedu. Illum għandna pajjiż li qed jiżviluppa u li daħħal attitudnijiet ġodda, fosthom kumditajiet u aspirazzjonijiet ta' nies fil-mod kif imorru minn post għall-ieħor, li kollha rridu nindirizzawhom. Din hija xi ħaġa pożittiva, għaliex ma nistgħux naraw kollox minn ottika negattiva, għax huwa sinjal ta' progress ekonomiku li qed jirreġistra pajjiżna. Fi ftit kliem, dawn huma l-isfidi li qed jiffaċċja pajjiżna llum.

Fir-rigward tat-trasport, l-infrastruttura hija l-aktar ħaġa importanti. Hawnhekk qed nitkellmu dwar infrastruttura ta' toroq, infrastruttura marittima, infrastruttura fl-ajru, kif ukoll infrastruttura diġitali. Dawn huma kollha setturi li rridu naħdmu fuqhom biex nibqgħu

nimmodernizzaw, nattiraw investiment u niggarantixxu kwalità ta' ħajja aħjar għall-Maltin u l-Għawdxin.

L-infrastruttura taffettwa l-kwalità tal-ħajja u għalhekk hija prijorità. L-infrastruttura taffettwa wkoll il-kompetittività ekonomika, għaliex l-ebda investiment mhu se jiġi f'pajjiżna jekk ma jkollniex infrastruttura li hija effiċjenti. Ninnota b'mod pożittiv proġetti li tlestew, fosthom dawk fiċ-ċentru tal-pajjiż, l-Imrieħel underpass li kien proġett importanti ħafna u l-proġetti kruċjali fin-naħa tal-ajruport fejn kellek il-proġetti tal-Kirkop tunnels, l-Airport intersection u l-Luqa Junction. Dawn taw dehra ġdida u aktar moderna fid-dħul u l-ħruġ mill-ajruport li hija kruċjali mhux biss minn ottika ta' trasport, imma anke mil-lat turistiku, billi għandna ajruport internazzjonali wieħed. Dan kien proġett li ċertament ta nifs ġdid u għalhekk irrid nitkellem b'mod pożittiv dwaru.

Insemmi wkoll il-proġett tal-Imsida Creek li semmieh anke l-Ministru. Dak huwa proġett importanti għaliex ċertament dik hija żona kruċjali fejn jgħaddi ħafna traffiku. Għalhekk l-organizzar tat-traffiku permezz ta' dan il-proġett nilqgħu b'mod pożittiv ukoll.

Jekk inħarsu lejn l-allokazzjoni tal-Baġit, ninnota li l-allokazzjoni tal-iscrappage scheme for the purchase of motorcycles żdiedet minn €1.3 miljun għal €2 miljun. M'hemmx dubju li din il-miżura hija pożittiva mill-aspett mhux biss tat-trasport imma anke minn aspett tal-impatt ambjentali. Nifhem ukoll il-pressjoni li jkollu l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol li jibbilanċja u jagħti l-allokazzjonijiet minn sena għal oħra, liema sfidi tkellem dwarhom l-istess Ministru. Ninnota wkoll li l-allokazzjoni għall-iscrappage scheme baqgħet l-istess. Importanti li dawn il-flus jiġu utilizzati kif suppost, għaliex din hija sfida kbira għal pajjiżna mhux biss minn ottika ta' tragwardi li qed timponi fuqna l-Kummissjoni Ewropea, imma anke fl-isfida tagħna biex innaqqsu l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent.

Hemm żieda ta' €9 miljun għall-Public Service Obligation (PSO) fejn il-baġit tela' għal €49 miljun f'dak li huwa t-trasport pubbliku. M'hemmx mod ieħor x'tagħmel, fis-sens li kellu jiżdied dan il-baġit, però rrid nara li matul is-sena, mhux bilfors bħala miżura baġitarja, inħajru aktar nies jużaw it-trasport pubbliku. Hawn nagħmel suġġeriment pożittiv li għandu jkun hemm aktar kampanji edukattivi biex in-nies jużaw it-trasport pubbliku, speċjalment meta wieħed jikkonsidra allokazzjoni massiċċa li qed jagħmel il-Gvern f'dan is-settur. Suġġeriment ieħor huwa li nixtieq nara aktar kordinament. Ejja naqtgħuha darba għal dejjem din il-mentalità li entità tagħti risposta lin-nies li entità oħra hija responsabbli!

Hawn mhux qed nirreferi għar-rappreżentanti tal-entitajiet li huma preżenti magħna llum, imma qed nitkellem b'mod ġenerali. Bħala avukati ngħidu *unum quid*, jiġifieri l-Gvern huwa wieħed u l-aġenziji u l-entitajiet iridu jitgħallmu jaħdmu aktar flimkien. Dan huwa appell li ma niddejjaqx nagħmlu u nibqa' nagħmlu għaliex hemm nuqqas ta' kordinament bejn l-entitajiet. M'iniex qed ngħid dan għal dan il-Ministeru partikolari, imma b'mod ġenerali. Tirċievi risposti fejn jgħidulek mhux jien, imma l-ieħor! Il-Gvern irid jaħdem b'mod aktar koordinat u dixxiplinat f'dan ir-rigward.

Irridu nibqgħu ninċentivaw fil-politika nazzjonali. Il-pandemija wrietna kemm hu importanti l-work from home, fejn bqajna naħdmu minkejja l-pandemija. Ovvjament, din tista' tkun miżura importanti li nibqgħu nimplimentawha biex innaqqsu minn ħinijiet kritiċi tat-traffiku n-numru ta' persuni li jkunu sejrin għax-xogħol. Dan dejjem jekk ikun xogħol li jista' jsir mid-dar. Forsi anke tinqasam il-ġimgħa skont l-esiġenzi tal-post tax-xogħol partikolari.

Insemmi wkoll l-avjazzjoni li huwa settur importantissimu fejn saru avvanzi kbar taħt it-tmexxija tal-Ministru, li nirringrazzjah ta' dan ix-xogħol. Sirna ġurisdizzjoni ta' għażla ta' kumpaniji kbar bis-saħħa tal-leġiżlazzjonijiet li saru. Is-sena l-oħra tkellimt dwar l-istess portafoll u elenkajt l-investiment li sar. Ċertament li kien hemm apprezzament tas-serjetà tal-ġurisdizzjoni tagħna bir-reġistrazzjonijiet li saru.

Hemm ukoll interess fejn jidħlu l-leasing companies. Dan huwa settur importanti anke mill-aspett professjonali, li jħaddem ħafna nies, fosthom avukati, awdituri u nies tekniċi. Għandna wkoll qafas legali. Naf ukoll li bħalissa għaddej mill-istadju ta' Kumitat l-Air Navigation Bill, li hija liġi importanti u tajba li se tagħti qafas aktar b'saħħtu biex nimxu 'l quddiem u jkun hemm qafas regolat.

Dejjem hemm bżonn ta' aktar riżorsi, xi ħaġa li ma nixbax ngħidha. Nerġa' ngħid li nifhem il-

limitazzjonijiet u l-prijoritajiet fuq livell ta' Gvern, però importanti li jkun hemm aktar investiment. Smajt il-Ministru jgħid li se jkun hemm DG għas-settur tal-avjazzjoni li hija xi ħaġa tajba ħafna, però rridu ninvestu aktar fin-nies ta' dan id-Direttorat. Fl-avjazzjoni għandna nies tajbin, però rridu nibqgħu ninvestu fihom u f'nies ġodda oħrajn f'dan is-settur.

Fir-rigward tal-avjazzjoni nemmen li l-Università ta' Malta għandha tirrealizza u tifhem aktar li hemm setturi kritiċi li trid tinvesti aktar fihom. Issa naf li l-Università hija awtonoma u mhux bilfors timxi ma' dak li jgħidilha l-Gvern fir-rigward ta' policy ta' korsijiet, u hekk għandu jkun. Però rridu nħarsu aktar lejn setturi fejn uliedna jistgħu jkollhom impjiegi aħjar, b'introjtu aħjar kif ukoll b'aktar sodisfazzjon tal-impjieg. Importanti wkoll li jkun hemm skemi minn kumpaniji li jagħtu sponsorships liż-żgħażagħ tagħna, xi ħaġa li nibqa' nħeġġeġ dwarha.

Sur President, inkompli nisħaq fuq il-Masterplan tal-Ajruport li huwa wkoll kruċjali. Hawn nixtieq nagħmel suġġeriment lill-Ministru. Naf li hemm konċessjoni ta' ċens mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA), però rridu nibdew naħsbu u nitkellmu dwar terminal ġdid fl-ajruport tagħna. Inutli nibqgħu nitkellmu dwar numru ta' turisti li qed iżuruna meta qed nintebħu li t-terminal tagħna sar żgħir u hemm bżonn ta' terminal ġdid. Tajjeb li fl-MIA nagħmlu l-car parks u l-uffiċini, però rridu naħsbu wkoll għat-turisti li jiġu Malta. Għalhekk nappella lill-Ministru, għalkemm naf li mhix xi ħaġa li bilfors taqa' fil-mansjoni tiegħu, biex jaħseb u jikkoordina sabiex ikun hemm terminal ġdid fl-ajruport tagħna.

Fir-rigward tas-settur marittimu, nirringrazzja lill-Gvern li qed isir ħafna xogħol għall-immaniġġjar u investiment fil-Port il-Kbir. Għandna Port li verament għandna nkunu kburin bih. Tajjeb li nagħmlu xogħol mhux biss biex insebbħu l-Port imma anke biex nisfruttawh aħjar.

Insemmi x-ship-to-shore, miżura oħra tat-trasport, li hija wkoll miżura ambjentali importanti. Studju wera li meta jiġi komplut dan il-proġett, it-tniġġis se jonqos b'madwar 90%. Minn dak li ntqal fid-Diskors tal-Baġit hemm madwar 17,000 familja fiż-żona tal-Port li se tibbenefika minn dan il-proġett li huwa rivoluzzjonarju u pożittiv ħafna.

Insemmi wkoll l-investiment ta' €5 miljun fis-Sally Port, il-Birgu li huwa importanti kemm għan-nies ta' dawk in-naħat kif ukoll biex nibqgħu nsebbħu dik iż-żona tal-Kottonera li saret tant sabiħa. Hemm il-proġett ta' reklamazzjoni fil-Port il-Kbir, li m'hemmx dubju huwa importanti biex nisfruttaw iż-żona, kif diġà għedt, però anke biex ikollna aktar spazju fejn nagħmlu l-użu separat. Il-problema tagħna hija d-daqs, li jibqa' l-ikbar sfida, speċjalment meta għandek ekonomija li qed tikber u li skont it-tbassir tal-Unjoni Ewropea se tkompli tikber. Hija sfida fejn irridu nisfruttaw aħjar ir-riżorsi tagħna. Fir-rigward ta' faċilitajiet ġodda għall-passiġġieri tal-laneċ, importanti li nibqgħu nsaħħu t-trasport marittimu li, jekk jaħdem b'mod effiċjenti, jista' jkun soluzzjoni għat-trażżin tat-traffiku f'ċerti ħinijiet kritiċi.

Insemmi r-reġistrazzjoni ta' vapuri, fejn pajjiżna għandu s-sitt l-ikbar reġistru fid-dinja. Ovvjament irridu nżommu r-reputazzjoni tajba li għandu r-reġistru tagħna, għax dik hija xi ħaġa importanti. Huwa stmat li 9,500 vapur huma reġistrati f'pajjiżna, però anke l-kwalità tal-bastimenti hija kritika biex inkomplu nimxu 'l quddiem.

Nilqa' tajjeb ħafna u nirringrazzja lill-Ministru li lbieraħ nieda strateġija b'viżjoni ġdida għall-industrija tas-superyachts. Min-naħa tiegħi nemmen ħafna f'din il-viżjoni għas-superyachts li għandhom mhux biss effett ekonomiku immedjat, imma effett ekonomiku li jinxtered f'oqsma oħra wkoll. Fl-opinjoni tiegħi għandna ħames ingredjenti biex din l-industrija timxi 'l quddiem, li huma port u baħar mill-isbaħ fid-dinja, pajjiż li huwa wkoll post ta' divertiment, ta' ikel u kultura għal min jiġi jżurna, ċentri ta' taħriġ għall-ekwipaġġ mill-aqwa fejn jidħol dan is-settur, servizzi għall-jottijiet mill-aqwa b'nies Maltin u Għawdxin jifhmu f'dan is-settur u faċilitajiet tal-ogħla kwalità fl-istaġun tax-xitwa.

Nirringrazzja lill-Ministru għal din l-istrateġija u nirringrazzja wkoll lill-Membru Parlamentari tal-Oppożizzjoni l-Onor. Ivan Castillo li milli qrajt mill-midja, appoġġja din l-istrateġija. Hija xi ħaġa pożittiva li naħdmu flimkien, għaliex jekk din in-niċċa tikber, se jgawdi minnha kulħadd. Tajtha daqqa t'għajn lil din l-istrateġija, li tidher li ħadmet fuq ħames punti, fosthom l-iżvilupp tal-prodott. Hawn nistenna lill-Ministru għat-Turiżmu Clayton Bartolo li jikkoordina, għaliex nemmen li l-Malta Tourism Authority (MTA)

għandha rwol fejn jidħol l-iżvilupp tal-prodott f'dan is-settur.

Hemm ukoll it-titjib u t-tisħiħ infrastrutturali li jibqgħu importanti ħafna għal din l-industrija u l-viżjoni taħseb għal dan. Hemm il-qafas legali u regolatorju li dejjem jinbidel, speċjalment l-inċentivi fiskali li rridu nagħtu biex din l-industrija tiġi f'Malta. L-aspett fiskali huwa importanti. Hemm is-sostenibbiltà ambjentali, jiġifieri f'dak li nagħmlu nħarsu wkoll lejn l-impatt fuq l-ambjent. Hemm ukoll it-tnaqqis tal-burokrazija. Ħafna nies li jaħdmu fl-industrija tas-superyachts jilmentaw li hemm wisq burokrazija fejn, pereżempju, għal permess jintalbu tnejn. L-appell lin-nies li qed jaħdmu fl-entitajiet f'dan is-settur hu biex innaqqsu l-burokrazija, għax din dejjem tnaffar l-investiment.

Punt ieħor li nixtieq inqajjem b'mod speċifiku huwa dwar il-kwestjoni tal-binja tal-Casino di Venezia. Naf li l-Gvern jinsab għaddej bi pjanijiet, però importanti li din il-binja ma tibqax fl-istat li tinsab fih. Qed nitkellmu fuq żona tant sabiħa fejn sar tant investiment, imbagħad tara din il-binja li tweġġa' l-għajn għax qiegħda fi stat dilapidat.

Fir-rigward ta' reklamazzjoni ta' art, ilni għal dawn l-aħħar sentejn nisħaq dwar l-importanza ta' dan. Nemmen li hu nifs ġdid għall-ekonomija tagħna u għall-mod kif nagħmlu l-affarijiet meta għandna sfida kbira ta' art. Għandna ekonomija li qed tikber, però d-daqs ta' pajjiżna hu dak li hu. Naf li qed jiġu eżaminati ċerti siti, jidhirli li qalha l-Ministru pubblikament jew qiegħda fid-Diskors tal-Baġit. Ovvjament dejjem irridu naraw l-aspett ambjentali, però l-appell tiegħi hu li mmexxu r-reklamazzjoni tal-art 'il quddiem. Naħseb li huwa nifs ġdid għall-ekonomija tagħna u għal pajjiżna. Billi jkun hemm spekulazzjoni u proġetti mhu se jiġri xejn għaliex jekk l-iżvilupp ikun jagħmel sens, se jiekol kulħadd minnu. Però, nerġa' ngħid, irridu nħarsu l-aspett ambjentali u l-aspett ta' spazji pubbliċi, li huma importanti. Dan japplika wkoll fejn tidħol l-enerġija rinnovabbli fejn tista' tintuża wkoll art reklamata. Tajjeb li wieħed jidħol f'dawn l-aspetti kollha u jara fejn irridu naslu bħala pajjiż.

Biex nagħlaq, Sur President, nemmen li fl-isfond tal-Baġit, dan il-Ministeru baqa' jingħata prijorità għax l-infrastruttura hija tant importanti. Ma nistgħux nitkellmu fuq Malta Ġusta jekk ma tkunx Malta aktar organizzata u koordinata. Ma nistgħux nitkellmu fuq Malta Ġusta jekk ma jkollniex infrastruttura tal-ogħla livelli li tattira l-investiment. Ma nistgħux nitkellmu fuq Malta Ġusta jekk ma jkollniex infrastruttura li tirrispetta l-ħajja u l-kwalità tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin kollha. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali ġiet konkluża. Il-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Fil-11.23 a.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa, kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023 il-Kamra se tgħaddi għax-xogħol tal-Gvern li jidher fuq l-aġenda. Il-Ministru Aaron Farrugia.

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI AVVANZATA U OGĦLA

## FURTHER AND HIGHER EDUCATION (AMENDMENT) BILL

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Aaron Farrugia.

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, Kap. 607" ikun moqri t-Tielet Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tielet Darba u għadda.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Il-Ministru Aaron Farrugia, jekk jogħġbu, jipproponi l-Aġġornament tal-Kamra.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

**Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista**

**It-Tlettax-il Seduta Stabbilita - Uffiċċju tal-Prim Ministru**

Vot 1 - Uffiċċju tal-President
Vot 6 - Uffiċċju tal-Prim Ministru
Vot 7 - Informazzjoni
Vot 8 - Stamperija tal-Gvern
Vot 9 - Uffiċċju Elettorali
Vot 10 - Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku
Vot 11 - Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg
Vot I - Uffiċċju tal-President – Kapital
Vot III - Uffiċċju tal-Prim Ministru – Kapital

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru m'għandhiex tieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari jistgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għall-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru.

*Fil-11.26 a.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*